# Leħen il-Parroċċa

## ta' Ħal Safi



Ħarġa No. 44
*Festa* 2022

# Leħen il-Parroċċa ta' Ħal Safi




***Ritratt tal-faċċata:***

***L-istatwa titulari ta' San Pawl f'Ħal Safi flimkien mal-Kappilan il-ġdid Fr. Ivan Scicluna***


**Bord Editorjali**

***President:***
Kappillan
Kan. Ivan Scicluna

***Edituri:***
Dorian Baldacchino
Tarcisio Barbara

***Ritratti:***
Carl Farrugia
Dorian Baldacchino
Fr David Farrugia
Fr Ivan Scicluna
Ġużi Sammut



***Indirizz:***
21, Triq Santa Marija,
Safi - SFI 1211
Tel: 21649223

**Issettjat u Stampat**
**Print Right Ltd. - Qormi**
**Tel:** 21250994
**Mob:** 99490344
**e-mail:**printright@onvol.net


# F'din il-Ħarġa


**1.** Editorjal

**3.** Messaġġ mill-Kappillan

5. Dun. Tony Pace

7. Dun Karm Zammit (1939-2022)

9. Il-Quddiesa tad-9am

13. Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2021-2022

17. Ritratti ta' Manutenzjoni li saret fil-Knisja

20. Ritratti ta' Manutenzjoni li saret fil-Knisja

30. L-Esperjenza tiegħi bħala Abbati fil-Vatikan

32. Rendikont Festa San Pawl - 2021

34. Quddies ta' Ringrazzjament lil Fr. David

38. Quddiesa tal-Pusses ta' Fr. Ivan

40. Programm tal-Festa 2022

44. Memorji tal-Festa 2021

46. Messaġġ mis-Superjura

50. Messaġġ mis-Superjur

53. Barnaba u Lidja - Dixxipli ta' Pawlu

63. Il-Qniepen tal-Knisja ta' Ħal Safi

67. Manwel Buhagiar (1876-1965)

72. Poeżija lil Fr. David

76. Innu Lil Fr David

78. Mir-Reġistri tal-Parroċċa u Avviżi





Editorjal

*Dorian Baldacchino*

## Lura għan-normalità?

Għeżież qarrejja, żgur li l-Covid-19 għadha stampata fuq moħħ kulħadd. Dawn is-sentejn li għaddew żgur ma kinux faċli u ma ninsewhomx malajr – kellna attivitajiet miżmuma, knejjes u każini magħluqa, lezzjonijiet onlajn u għadd ta' direttivi jew restrizzjonijiet oħra li biddlu l-ħajja tagħna mil-lejl għan-nhar. Dak li qabel konna niħduh *for granted* jew ma konniex nagħtuh valur għax kien sar parti mir-rutina ta' ħajjitna, issa qed nagħtuh valur u ngħidu kemm kien aħjar dak iż-żmien. Din is-sena, il-pandemija ħallejnieha warajna u erġajna lura għan-normalità.

Għall-ewwel darba wara dawn is-sentejn se nkunu qed nerġgħu niċċelebraw il-festi bħal qabel. Imma kemm fil-verità erġajna lura għan-normalità? Il-pandemija għallmitna bosta affarijiet li qabel minħabba l-ġenn ta' ħajjitna ma konniex nagħtu kas. Tgħallimna l-valur li nqattgħu kemm jista' jkun il-ħin tagħna ma' ħaddieħor b'mod speċjali mal-familjari tagħna. Tgħallimna l-valur li naħsbu f'xulxin sabiex ħadd ma jimrad jew ibati. Tgħallimna l-valur tat-tagħlim u l-attivitajiet edukattivi. Tgħallimna li għandna nsibu ħin għalina nfusna u mhux neżistu frott tal-ħajja mgħaġġla li mdorrijin ngħixu fiha. Tgħallimna l-importanza tal-kultura u l-identità li jsawru s-soċjetà tagħna. Tgħallimna l-importanza tar-reliġjon meta matul dawn is-sentejn in-nies daru lejn Alla jew il-qaddis tal-patrun tagħhom bħala refuġju f'dan iż-żmien diffiċli.

Dawn, flimkien ma' bosta oħrajn, kienu l-elementi pożittivi li spikkaw matul dan il-perijodu. Imma issa li għadda kollox, hemm uħud li xorta ppreferew li jmorru lura għat-triq l-antika, jew aħjar normali, li kienu mdorrijin jgħixu fiha qabel. Insew l-aspett reliġjuż, inħakmu minn nuqqas ta' ħeġġa, insew il-valur tar-responsabbiltà lejn il-proxxmu, u minflok il-Jien tagħna u l-mezzi soċjali ħadu prijorità fil-ħajja tal-individwu. Insejna li xorta għad baqa' nies li għadhom qed jgħixu f'solitudni, minsija f'xi dar tal-anzjani jew emarġinati mis-soċjetà. Dan kollu frott l-egoiżmu tagħna li spiċċaw iżolati u minsja minn kulħadd, għax insejna li dawn huma wkoll umani bħalna. Ħafna minna nqabdu min-ngħas tal-apatija jew nuqqas ta' ħeġġa speċjalment fejn jidħol il-volontarjat minħabba li ħassewhom aktar komdi jgħixu ħajjithom kif jixtiequ huma u jġawdu biex iġibu lura ż-żmien li tilfu mingħajr ma jkunu lesti joffru ħinhom għal ħaddieħor. Injorajna dak kollu li jsawwarna bħala poplu u ħsibna biss fina nfusna. Ħallejna l-mezzi soċjali u l-oġġetti elettroniċi

jsiru l-allat tagħna u jaqtgħuna f'dinja għalina. Illum il-ġurnata nippreferu naraw persuna minn wara *screen* u nibagħtulu xi messaġġ milli nqattgħu naqra mill-ħin tagħna b'mod fiżiku ma' dak li jkun. Il-kliem 'għandi x'nagħmel' jew 'm'għandix ċans' saru ħaġa komuni llum il-ġurnata. Bil-kuntrarju, waqt il-pandemija ħdimna ħafna sabiex inżommu l-kuntatt individwali anke jekk, speċjalment, bl-użu tat-teknoloġija, u ħadnieha bi kbira meta kien hemm restrizzjonijiet li żammewna milli niltaqgħu flimkien. Imma issa li erġajna għan-normalità kollox indara u dak li waqt il-pandemija kien importanti f'ħajjitna biex ma naqgħux f'solitudni minħabba li bniedem mhux maħluq biex jgħix waħdu, issa saru affarijiet sekondarji ta' meta 'jkollna ċans'. B'hekk, qabel ma nagħlaq, tajjeb inżommu f'moħħna li għalkemm dan iż-żmien wasal wara sentejn ta' stennija, ma naqgħux fin-nassa tas-soċjetà u nħallu kollox jgħaddi u jsir parti min-normalità tagħna mingħajr ma nevalwaw dawk l-aspetti pożittivi li ħarġu matul dawn is-sentejn tal-pandemija u kienu ta' sostenn għal xulxin biex stajna nimxu 'l quddiem.

Finalment nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi għan-nom tal-Parroċċa nirringrazzja lil kull min ta sehmu biex din il-ħarġa setgħet tkun possibbli. Radd il-ħajr speċjali jmur għall-artikolisti, u għal dawk il-persuni jew negozji li irreklamaw u għenu sabiex din il-pubblikazzjoni setgħet tkun possibbli.

Minn qalbi nixtieq nawgura festa tajba u qaddisa lil kulħadd!







Messaġġ mill-Kappillan *Kan. Ivan Scicluna*

## San Pawl jindikalna l-Knisja

Min jaf kemm-il darba San Pawl irrifletta fuq l-esperjenza li għadda minnha fit-triq ta’ Damasku. Hija esperjenza li fiha Alla jafdah f’idejn il-komunità Nisranija meta jgħidlu, “Qum u mur il-belt u jgħidulek x’għandek tagħmel?” (Atti 9: 10).

F’din l-esperjenza fit-triq ta’ Damasku mhuwiex Alla li jgħid lil San Pawl x’għandu jagħmel, imma jindikalu l-Knisja, il-komunità tal-ewwel Insara. Knisja li frott tal-ispirazzjoni tal-Ispirtu u t-talb tiegħu San Pawl fisser bħala l-ġisem ta’ Ġesù, fejn Ġesu stess huwa r-ras u aħna l-membri magħqudin flimkien.

U ta’ kull sena, fil-festa li niċċelebraw, San Pawl jindikalna l-istess triq li Alla indika lilu fit-triq ta’ Damasku. Kemm huwa sabiħ li filwaqt li nfaħħru lil San Pawl matul il-festa, napprezzaw ukoll kemm Alla jixtieq li niskopruh u nsibu l-ħniena tiegħu, il-vokazzjoni tagħna, il-missjoni li jafdalna permezz tal-Knisja. Knisja sabiħa mżejna għall-okkażjoni, tistenna li tibqa’ sabiħa wkoll meta żarmata għax fuq kollox il-Knisja hija aħna.

Għalhekk, ejjew f’din il-festa nitolbu b’mod speċjali ħalli bħal San Pawl nifhmu li ma nistgħu qatt niltaqgħu ma’ Alla jekk mhux permezz tal-Knisja Tiegħu. Ejjew fuq kollox, bħal San Pawl Missierna, inkunu xhieda tal-ġmiel ta’ Alla għall-oħrajn dejjem u kullimkien, ħalli bħalu nkunu kapaċi ngħidu fl-aħħar ta’ ħajjitna “jiena tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja u ħarist il-fidi” (Tim 6;12).

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd u Viva l-Appostlu Missierna San Pawl



***Infittxu lil Kristu...***
***għax Kristu jfittixna***
*“Jien kuljum nistennik”*


ti
tower ironmongery
suppliers of:
Building Materials,
D.I.Y., Power Tools & Hand Tools,
Electrical & Plumbing, Water Heaters,
Grouting, Cement, Lime & Adhesive Products,
Drain Pipes & Fittings,
Galvanised Pipes & Fittings,
Aluminium Ladders, Curtain Rails, Rużuni,
Sanitary Fittings, Garden Tools,
Plastic Chairs & Tables,
Fans, Barbecues, Heaters,
SIGMA PAINT
DISPENSING SYSTEM
• An endless variety of colours to choose
• Available in three different sizes
• Interior & Exterior Paint
• Mixed while you wait
Tower Street, Żurrieq ŻRQ 2360
Tel: 2164 0196
E-mail: sales@towerirmongery.com





*Dun Tony Pace*

# Is-Sens Komun Uman vs is-Sens Kristjan

Mhux faċli li wieħed jimxi fuq il-prinċipji li nsibu fl-Evanġelju. Jekk tiddeċiedi li timpenja ruħek biex tgħix il-valuri Kristjani se jkollok tipprattika ċ-ċaħda tiegħek innifsek u bosta drabi se jkun meħtieġ li tmur kontra l-kurrent.



Qatt ħsibt kemm dak li f'moħħna jidher bħala sens komun, fil-fatt imur proprju kontra dak li jitlob minna Kristu fl-Evanġelju?

Nieħdu eżempju. Jekk xi ħadd m'għandux grazzja miegħek, u dejjem jara kif jagħmel biex joħloqlok diffikultajiet bla bżonn, u litteralment anke jagħmillek il-ħsara, is-sens komun uman jgħidlek li għandek taħarbu u tibża' minnu, jekk mhux addirittura tħossok fid-dmir li tobogħdu. Kristu jistedinna nirreaġixxu mod ieħor. F'San Mattew 5, 46-47 jgħidilna: "*Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? Mhux il-pubblikani wkoll jagħmluh dan? U jekk issellmu lil ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed? Mhux il-pagani wkoll jagħmluh dan? Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet.*"

Nieħdu eżempju ieħor. Ġakki nistgħu ngħidu li għex ħajtu jidneb bl-addoċċ. Qatt ma ta kas il-valuri Kristjani. Ma tantx iħossu iddispjaċut għax f'ħajtu gawda kemm felaħ. Meta ġie li jgħaddilu minn moħħu li għandu jitlob maħfra lil Alla, Ġakki jħoss li issa tard wisq u m'hemm l-ebda ċans li Alla jaħfirlu. Litteralment iħossu



qata' qalbu mill-ħniena ta' Alla. Jekk jitlob maħfra lil Alla, Ġakki se jħossu faċċol. Is-sens Kristjan jgħidilna mod ieħor. F'San Mattew Kap 18, 21-25 insibu kif San Pietru jistaqsi lil Kristu kemm-il darba għandna naħfru lil ħutna. "Seba' darbiet?" issuġġerixxa San Pietru. Kristu irrisponda: "*Ma ngħidlikx sa seba' darbiet, ........ imma sa sebgħa u sebgħin darba*!" Is-sens Kristjan iħeġġiġna ma naqtgħu qalbna qatt mill-ħniena ta' Alla.



Diffikultà oħra li nsibu hija biex nemmnu li hemm il-premju (il-Ġenna) għal min jgħix ħajja tajba, u hemm il-kastig (l-infern) għal min jippersisti fil-ħażin. Is-sens komun uman jissuġġerilna l-impossibbilità li Alla, tant ħanin u twajjeb, jasal biex jikkastiga lill-bniedem, maħluq xbiha ta' Alla stess, għall-eternità! Is-sens Kristjan hawnhekk jagħtihulna San Pawl fl-Ewwel ittra lill-Korintin: "*Dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet, u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bnedmin, dak Alla lesta għal dawk li jħobbuh*!"

Dawn li ġejjin huma temi mis-sens komun uman li kull Nisrani għandu jaħdem fuqhom, biex finalment jagħtihom sens Kristjan:

- ir-reazzjoni għall-vendikazzjonijiet li nistgħu nirċievu
- is-safa tal-moħħ u tal-qalb
- l-ambizzjonijiet esaġerati biex insiru sinjuri mil-lum għall-għada
- ix-xewqat tagħna, kultant surreali, dwar is-suċċessi li nixtieqare għal uliedna
- il-bżonn li nibqgħu nitgħallmu dwar ir-reliġjon tagħna anke meta nikbru
- l-attitudni tagħna lejn Jum il-Mulej (il-Ħadd)

L-impenn Nisrani huwa mibni fuq is-sagrifiċċju. Dan l-impenn jitlob minna li mmorru kontra l-kurrent, li nemmnu mhux dejjem kif temmen il-maġġoranza. Is-sens Kristjan jibqa' jisfida lill-moħħ u lill-qalb ta' kull Nisrani.





## Dun Karm Zammit (1939-2022)

*Paul Callus*

Carmelo Zammit twieled Ħal Safi fis-7 ta' Lulju 1939 minn Indrì Zammit u Marija née Polidano. Huwa kien it-tielet wild fost 7 aħwa u l-kbir fost is-subien.

Huwa beda jattendi l-Iskola Primarja taż-Żurrieq peress illi dak iż-żmien f'Ħal Safi kien għad m'hemmx skola. Dam hemm sa *Standard Four*, imbagħad għamel l-eżami għas-Seminarju u daħal fil-klassi tal-Preparatorja minn fejn kompla sa lesta l-kors kollu tas-Sekondarja. Bħala tifel huwa kien jitgħallem il-Katekiżmu fil-knisja ta' Santa Marija, serva ta' abbati fil-parroċċa ta' Ħal Safi, u aktar tard kien jagħti daqqa t'id fil-bini taċ-Ċimiterju tal-istess raħal. Hu daħal membru fl-għaqda Żgħażagħ Ħaddiema Nsara li twaqqfet f'Ħal Safi qrib l-1957 u li kien jieħu ħsiebha Dun Carmelo Vella. Kien ukoll jagħmel parti mit-tim tal-futbol li twaqqaf fi ħdan il-Każin San Pawl. Snin wara, kien laħaq Direttur Spiritwali tal-istess każin wara l-mewt ta' Dun Carmelo Vella fis-sena 2000.





Fl-1959 huwa daħal fis-Seminarju Maġġuri biex jistudja għal saċerdot. Flimkien ma' 24 qassis u reliġjużi oħrajn, hu kien ordnat saċerdot fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi fil-11 ta' Marzu 1967.

Mons. Arċisqof bagħtu jservi bħala Viċi-Parroku fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Hemm kien jagħmel xogħol ta' uffiċċju, amministrazzjoni tas-Sagramenti, tmexxija ta' għaqdiet (Leġjun ta' Marija, Azzjoni Kattolika Xebbiet), Direttur Spiritwali tal-Għaqda tal-Pawlini, Ċerimonjier tal-Kapitlu u jgħallem is-servizzi tal-Liturġija lill-Abbatini. Dun Karm (kif kienu jsibuh) dam iservi f'dik il-Kolleġġjata għal 34 sena, sakemm f'Ottubru tal-2001 intbagħat iservi ta' saċerdot u jgħin lill-Kappillani fil-parroċċa tiegħu, Ħal Safi.

L-esperjenza li Dun Karm kiseb fil-Kolleġġjata ta' San Pawl swietlu tajjeb meta mar iservi Ħal Safi, speċjalment f'perijodu meta l-Kappillan kien indispost. Għalkemm beda jikber fl-età, xorta waħda baqa' jgħin fejn meħtieġ u l-kappillani ġodda li ntbagħtu Ħal Safi dejjem sabu fih spalla sa ma' setgħu jidraw il-ħidma pastorali tagħhom. Fuq kollox ma naqasx li jara illi l-Knisja Parrokkjali tinżamm dejjem fl-istat li jixirqilha, u kien iħeġġeġ biex isir restawr fejn meħtieġ (eż. l-orgni, il-*via sagra*, u l-arloġġ tal-knisja li beda jitħaddem bl-elettriku). Bħala rikonoxximent tal-ħidma li wettaq, Dun Karm intgħata l-Premju Onorifiċenza mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi fl-2017.



Minħabba problemi ta' saħħa, Dun Karm kellu kontra qalbu jħalli r-raħal u mar f'Dar Saura fir-Rabat, Malta. Aktar tard huwa nġabar fid-Dar tal-Kleru fi Fleur-de-Lys, Birkirkara, fejn għadda l-aħħar snin ta' ħajtu. Huwa miet fis-16 ta' Frar 2022 fl-età ta' 82 sena u ndifen nhar it-18 ta' Frar fiċ-ċimiterju ta' Ħal Safi.






## Il-Quddiesa tad-9am

*Team 9am*



Il-quddiesa tad-9am għalina hija prova ċara ta' kemm il-Mulej jagħmel ħwejjeġ kbar min-naqra sforz dgħajjef tagħna! Minn idea ċkejkna li ġietna u li qsamnieha mal-Kappillan, illum il-quddiesa tad-9am hija quddiesa mimlija attività, kuluri kif wkoll talb u ġabra.

Kien is-sajf tal-2018 meta nġbarna grupp ta' xi erba' ommijiet u kellimna lill-Kappillan Dun David Farrugia dwar l-idea li nippruvaw nanimaw ftit iktar xi quddiesa tal-Ħadd biex inħajru iktar tfal u żgħażagħ jattendu. Il-Kappillan ħatafna fil-kelma għax kien ilu jħoss dan il-bżonn. Sa minn żmien twil qabel, grupp ta' bniet kien jinġabar madwar is-Superjura biex janimaw il-quddiesa tat-8.15am bil-kitarri. Dan baqa' jsir, però nħass il-bżonn ukoll ta' animazzjoni b'mod li t-tfal u ż-żgħażagħ ikunu iktar involuti. L-għażla tal-quddiesa waqgħet fuq dik tad-9am nhar ta' Ħadd, peress li din kienet għadha kemm bidlet il-ħin minn tat-8.15am u kienet l-iktar waħda adattata għal dan il-għan. Il-grupp ta' ommijiet inkluda wkoll xi missirijiet, is-Superjuri tal-Mużew u ngħaqad mal-grupp tal-kant li diġà kien janima din il-quddiesa.



Kull nhar ta' Ħadd, skont il-qari tal-liturġija, insibu xi attività li tispjega l-messaġġ tal-qari tal-jum. Per eżempju, waħda mill-ewwel attivitajiet li kellna kienet *tug-of-war* waqt l-omelija, b'żewġ gruppi ta' tfal jiġbdu ħabel oħxon. Darba




oħra t-tfal stadu għall-ħut u darba oħra fittxew muftieħ madwar il-knisja kollha. Apparti s-sehem attiv waqt l-omelija, it-tfal u ż-żgħażagħ imbagħad jieħdu sehem ukoll fil-quddiesa billi jtellgħu l-offerti, iżommu xemgħat u jaqraw it-talb u l-qari u ġieli jitilgħu fuq l-artal waqt partijiet mill-quddiesa. Barra dan, narmaw l-artal bi stampi jew oġġetti skont il-qari tal-jum. Ġieli kellna qasab tas-sajd, ritratt kbir tal-knisja, xini, u kull xorta ta' oġġett ieħor li jaqbel mal-qari. Fl-aħħar tal-quddiesa ġieli titqassam xi tifkira, jew xi attività biex it-tfal jagħmluha d-dar. Il-mużika li tindaqq waqt il-quddiesa tkun ukoll marbuta mal-qari u t-tema tal-Ħadd li jkun. Wieħed mill-iktar Ħdud interessanti huwa l-Ħadd tat-Tieġ ta' Kana, fejn ġieli kellna koppja li tirrappreżenta l-għarajjes, tiżjin b'ħafna ġarar, mużika tat-tieġ *live*, u l-ħelu tal-okkażjoni li naturalment ma jonqosx!

Żewġ perjodi importanti fil-liturġija huma żmien l-Avvent u r-Randan. Dawn nippjanawhom bħala numru ta' Ħdud f'daqqa u nagħżlu tema li takkumpanjana tul dak iż-żmien. Per eżempju, fl-Avvent li għadda bnejna rigal kbir taħt is-siġra tal-karità, bl-għajnuna ta' diversi personaġġi mill-Bibbja li ġew ikellmuna dwarhom infushom u tawna l-messaġġ tagħhom. U fir-Randan li għadda ħloqna tliet spazji fil-knisja marbutin mas-sawm, talb u karità. Sikwit ukoll nippruvaw ngħinu lil min għandu bżonn l-għajnuna permezz ta' għotjiet ta' karità li niġbru. Ġieli anke jkollna xi reċta qasira. Kien hemm xi Ħdud fejn din il-quddiesa xxandret ukoll fuq it-televiżjoni.

Kultant żmien, ma tonqosx ukoll xi ħaġa tajba x'nieklu u x'nixorbu fuq iz-zuntier biex niċċelebraw xi ħaġa, jew biex nuru l-apprezzament tagħna f'xi avveniment importanti, bħal meta sellimna lill-ex kappillan Dun David Farrugia u lqajna fostna lil Dun Ivan Scicluna bħala kappillan tagħna.

Il-pandemija waqqfet din l-attività għal madwar sena u nofs, iżda mbagħad erġajna qbadna ritmu tajjeb. Għinna wkoll l-użu tal-*maracas* ikkuluriti ma' xi għanjiet waqt il-quddiesa, li tant jogħġbuhom lit-tfal u tant jagħmlu ċekċik! U kultant anke l-kappillan ikollu xi sorpriża, bħal xi kejk, xi intervista jew xi biċċa mużika sorpriża!



It-tfal u ż-żgħażagħ żdiedu bil-kbir għal din il-quddiesa. Hemm min ġie darba u baqa' jiġi u ġab miegħu lil ommu u lil missieru. Hemm min kien imur quddiesa parroċċa oħra u għażel li jibda jiġi għal din il-quddiesa. Imma l-isbaħ ħaġa hija l-ferħ li jkun hemm fil-knisja u li dan imbagħad jinfirex fid-djar. Anke l-kbar ikunu involuti: ġieli jiktbu xi talba, jaqraw, ixejru xi bandiera jew iċapċpu. Il-liturġija tkun ħafna isbaħ meta jieħu sehem fiha kulħadd.

Dan l-aħħar bdejna proġett Marjan. Kull nhar ta' Ħadd intellgħu isem bil-polza. Min jitla' jingħata statwa tal-Madonna u jeħodha d-dar, iżommha għal ġimgħa u mbagħad jerġa' jġibha lura. Hekk dik il-familja jkollha opportunità ikbar li tingabar flimkien u titlob quddiem dik ix-xbieha.

Dan l-aħħar, bħala grupp, ħadna sehem ukoll fl-attività organizzata mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi bl-isem Qamar il-Għasel. Fiha kellna *stand* bi *crafts* u t-tema kienet 'Bee like Jesus'. Kull min ħa sehem ħa gost u tgħallem ukoll.

L-idea wara dan kollu mhix li l-quddiesa tkun xi *show*. L-għan hu li b'dawn l-attivitajiet il-messaġġ ta' Ġesù jasal għand it-tfal u ż-żgħażagħ u anke għand il-kbar b'mod iktar konkret, u dak li jkun jifhmu u jiftakru. Fuq kollox nixtiequ b'qalbna kollha nwasslu l-messaġġ li fil-knisja, se tiltaqa' ma' Ġesù u din hi xi ħaġa ta' ferħ kbir. U jekk issir taf lil Ġesù, ma tistax ma taqsamx dan il-ferħ ma' ħaddieħor. Għalhekk il-Ħadd li ġej, narawk fil-quddiesa tad-9am.



**Cassar Florist
& Bargain Shop**
(Taz-Zizzu)

*For your: Wedding Flowers,
Holy Communion,
Head-dresses, Engagement
Parties, Funerals, Wedding
Invitations, Souvenirs, Tulle
& Accessories for all occasions.*

**Triq G. Mattew Callus, Żurrieq
Tel. Shop: 2164 0501
Mob: 9946 7457, 9989 7385**



**EURO Caterers**

**Sales and Contract Hire
of Slush Machines.**

Testaferrata Street, Żurrieq
Tel/Fax: (00356) 2164 2647
E-mail: tempOO@nextgen.net.mt
Contact Person: Mario Attard



# Manutenzjoni li saret fil-Knisja 2021-2022

**MANUTENZJONI LI SARET FIL-KNISJA ~ 2021-2022**

Matul is-sena ssir ħafna ħidma ta' manutenzjoni fil-Knisja u fil-proprjetà tagħha. Ħafna minn dan ix-xogħol huwa possibbli għad-donazzjonijiet tagħkom flimkien mal-ħidma ta' voluntieri li jagħmlu dan ix-xogħol b'xejn jew jiddedikaw ħin jiġbru l-flus għal dawn il-proġetti. B'għaqal, sagrifiċċju u b'kuraġġ għal sena oħra qed inwasslilkom bil-kitba rendikont dettaljat ta' dak li twettaq f'dak li għandu x'jaqsam ma' manutenzjoni u proġetti ġodda li saru kemm fil-knisja parrokkjali, kif ukoll fi propjetajiet oħra tal-parroċċa tagħna.

**Lat Estern tal-Knisja Parrokkjali**

**Manutenzjoni tal-bjut prinċipali tal-knisja**
Fil-bidu ta' Ottubru, il-bjut prinċipali reġa' saritilhom xi manutenzjoni u taħlib. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Pawlu Busuttil b'mod volontarju, fejn hu stess għamel tajjeb għall-ispejjeż.

**Manutenzjoni tal-bibien tal-knisja**
Ingħatat dawra lil dawn il-bibien, fejn ix-xogħol tal-brix u l-verniċ sar mis-Sur Joe Ellul u sewa € 375.

**Tħawwil u tisqija ta' xtieli ġodda fuq iz-zuntier**
Minn żmien għal żmien, il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb li jinbidlu x-xtieli morda u niexfa li hemm fi ħwat apposta fuq iz-zuntier ma' oħrajn ġodda, waqt li baqgħu jissaqqew matul is-sena.

**Irranġar tas-Sillatura ta' wieħed min-*Notice Boards* taz-zuntier**
Lejn nofs Jannar 2022, is-Sur Vincent Cutajar ħa ħsieb jirranġa s-Sillatura tan-*Notice Board* taz-Zuntier tan-naħa tal-Każin tal-Partit Nazzjonalista.

**Restawr taż-żewġ irħamiet kommemorattivi maġenb il-bibien laterali tal-Knisja.**
F'Mejju 2022 ġew restawrati ż-żewġ lapidi kommemorattivi li jinsabu maġenb il-bibien laterali tal-Knisja. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Anthony Busuttil (Ta' Kaspan) b'mod volontarju. **(Ara ritratt no.1)**

## Lat Intern tal-Knisja Parrokkjali

**Tiswija tas-siġġijiet**
Tkompla xi xogħol tat-tibdil u tiswija tas-Siġġijiet b'mod volontarju mis-Sur Paul Busuttil.
**Manutenzjoni tal-Arloġġ tal-Knisja**
Lejn nofs Ottubru 2021 is-Sur Stephen Zammit iffinalizza l-manutenzjoni fuq l-Arloġġ prinċipali tal-kampnar tal-knisja, fejn inbidel it-*timer* li jippermetti li jittellgħu l-mażżri b'mod elettroniku, u nbidel ukoll swiċċ relatat, wara li kellu jiżżarma wkoll. Għamel ukoll manutenzjoni fuq l-imrietel, il-molol, u l-ktajjen, biex it-tokki tas-sigħat u tal-kwarti jkunu aktar ħelwin u anqas ta' ħsara għall-qniepen kif ukoll ta' anqas strapazz għall-makkinarju. L-ispiża kienet ta' €700. Bejn l-aħħar ta' Mejju u l-bidu ta' Ġunju, is-Sur Stephen Zammit kellu jerġa' jiġi sabiex jibdel swiċċ li waqaf jaħdem.
**Manutenzjoni fuq il-ħbula tal-Qniepen**
Is-Sur Ġużi Sammut, soċju tal-Museum u li għal xi żmien kien superjur tal-qasam ta' Ħal Safi, ħa ħsieb isensel senza interessi 4 ħbula ġodda biex ikunu jistgħu jindaqqu l-qniepen minn fuq il-kampnar stess, għax il-qodma kienu bdew jiżżartu.
**Manutenzjoni tal-orgni tad-ditta *'Mascioni'***
Is-Sur Robert Buhagiar, għall-ħabta tal-Milied, għamel xi tiswija fl-orgni, fosthom bdil ta' *capacitor* ġdid. L-ispiża kienet ta' €40. F'Lulju waqt li kien qed isir xogħol ta' manutenzjoni fuq *valve* tal-arja tal-pedaliera, ġie nnutat li xi partijiet mill-injam tal-orgni ġew attakkati mis-susa. B'hekk inqalgħu xi partijiet, fosthom: il-pedaliera, il-manwal, ir-reġistri u l-injam tal-*console*. L-injam li żżarma ttieħed għal fumigazzjoni. Għal dan il-proċess ittieħdu ċerti prekawzjonijiet biex ma ssir ebda ħsara. Wara li tlestiet il-fumigazzjoni tal-injam, ġie mogħti trattament biex jipproteġi l-injam fis-snin li ġejjin. Injam ieħor li ma setax jinqala' mill-orgni, intgħata trattament fuq il-post. Wara dan il-proċess, it-toqob ikkawżati mis-susa fin-noti tal-manwal intgħalqu u ġew irtokkati. Imbagħad sar ukoll tindif tan-noti u tindif tar-reġistri; dan huwa proċess manwali li jirrikjedi ħafna ħin u preċiżjoni. Wara li tlesta x-xogħol kollu, li ħa madwar ħmistax, l-injam reġa' tqiegħed kollu f'postu, u b'hekk l-orgni reġa' beda jintuża'. L-ispiża għat-tiswija tal-orgni kienet ta' € 530. **(Ara ritratt no.2)**
**Manutenzjoni fuq is-Sillaturi tal-Bibien Prinċipali tal-Knisja u tat-Tabernaklu**
Tul Marzu 2022, is-Sur Joseph (Peppi) Piscopo minn San Lawrenz, Għawdex, ġie mqabbad jagħmel manutenzjoni fuq is-sillaturi tal-Bibien prinċipali tal-knisja parrokkjali u ħadem ukoll ċavetta/muftieħ ġdid għalihom. Ħajr lis-Sur Tony Bonnici u lis-Sur Ninu Abdilla talli ħadu ħsieb jikkordinaw din il-ħidma. L-ispiża

kienet ta' €40. Aktar tard, ittieħdet ukoll għat-tiswija għand l-istess persuna s-sillatura tat-Tabernaklu.

**Tindif tas-Slaleb tal-Konsagrazzjoni**

F'Lulju 2022, is-Sur Anthony Busuttil (Ta' Kaspan), b'mod volontarju, ħa ħsieb il-konservazzjoni tas-slaleb kollha tal-konsagrazzjoni tal-Knisja billi tahom ix-xama' skont kif titlob is-sengħa. (**Ara ritratt no.3**)

## Affarijiet Liturġiċi

**Stendard ġdid bir-rakkmu tal-Fratellanza tas-Sagrament**

Wara li lejn nofs Jannar 2021 is-Sur Silvio Pace kien għaddielna disinn tal-parti ċentrali, is-Sur Ninu Abdilla, Rettur tal-Fratellanza tas-Sagrament, irnexxielu jsib disinn li kien sar minn Emanuel Buhagiar li jinvolvi burdura eleganti tul il-lati kollha. Ġie avviċinat Ivan Scerri ta' *Scerri Art Studio* u ġiet studjata l-possibbiltà li jintuża dan id-disinn ta' Buhagiar flimkien mal-parti ċentrali li ddisinja s-Sur Pace, u lejn l-aħħar ta' Frar 2022 għaddielna stima ta' €4,500. Il-Fratellanza ddeċidiet li, grazzi għal diversi benefatturi, tidħol għal dan il-proġett, u għalhekk lejn l-aħħar ta' Marzu 2022 ġiet ikkonfermata l-ordni mal-fabbrika Taljana bil-ħsieb li jkun lest u jiżżanżan għall-festa ta' San Pawl. (**Ara ritratt no.4**)

**Inħietu 2 *Cover*s ġodda għal-Linef**

Fil-bidu ta' Settembru 2021 inħietu 2 *Covers* ġodda għal-linef, bix-xogħol isir b'mod volontarju mis-Sinjura Tessie Magri.

**Inħiet *Cover* għall-ventaltar tar-Rużarju**

Fil-bidu ta' Ottubru 2021 inħiet *Cover* għall-ventaltar tar-Rużarju, bix-xogħol isir b'mod volontarju mis-Sinjura Tessie Magri.

**Frejm ġdid għad-disinn tat-Tużell il-ġdid ta' żmien il-festa li hu esebit fis-Sagristija l-Antika**

F'Diċembru 2021 is-Sur Josef Mifsud ħa ħsieb jordna frejm ġdid għad-disinn tat-Tużell il-ġdid ta' żmien il-festa u li hu esebiti fis-Sagristija l-antika u li jikkumplimenta l-oħrajn li diġà hemm. L-ispiża kienet ta' €75.

**Ventaltar u Sopratvalja bir-Rakkmu għall-Altar tal-Kor**

F'Ottubru 2021 ġie avviċinat is-Sur Silvio Pace sabiex jagħmel disinji għar-rakkmu ta' ventaltar tal-lama u Sopratvalja tal-bellus, it-tnejn għall-Altar tal-Kor biex jintramaw fi żmien il-festa, bħall-kumplament tal-altari. Silvio għaddielna d-disinji lejn nofs Jannar 2022 bl-ispiża tkun €180 u €220 rispettivament. *Betlehem Bazaar - Scerri Art Studio* kien ikkummissjonat biex jieħu ħsieb dawn il-proġetti għan-nom tal-parroċċa, bil-ħsieb li jiżżanżnu għal din il-festa. L-ispiża għall-ventaltar b'dak kollu li jirrikjedi (i.e. lama, rakkmu, ħjata, trasport u vat) kienet ta' €3,600, filwaqt li għas-Sopratvalja li tinkludi kollox (i.e. bellus, rakkmu, frenza,

ħjata, trasport u vat) kienet ta' €4,850, b'total ta' €8,450. Kollox se jiżżanżan għall-festa. (**Ara ritratt no.5**)

**Inħietet Terħa bajda ġdida għall-Altar tal-Kor għal żmien il-festa**

Inħietet terħa ġdida għall-Altar tal-Kor għal żmien il-festa mis-Sinjura Tessie Magri, u bil-bizzilla tagħha tkun irregalata mis-Sur Josef Mifsud, bl-ispiża għaliha tkun ta' €165.

**Xiri ta' 8 Gastri/Kolonni tal-Irħam**

Lejn nofs Settembru 2021, inxtrat gastra tal-irħam mingħand familja li toqgħod M'Scala u din sabiex tintuża għall-offerti. L-ispiża kienet ta' €40. Bejn l-aħħar ta' Settembru 2021 u nofs Ottubru 2021 inxtraw 2 pari gastri/kolonni oħra tal-irħam mingħand familja li toqgħod Santa Venera sabiex jintużaw għal mal-altar tar-Repożizzjoni fit-Tridu tal-Għid. L-ispiża kienet ta' €180 u ta' €230. Lejn l-aħħar ta' Novembru nxtrat gastra oħra biex tippariġġa l-ewwel waħda mingħand familja li toqgħod Ħ'Attard. L-ispiża kienet ta' €70. Lejn l-aħħar ta' Diċembru nxtraw 2 gastri/kolonni oħra tal-irħam mingħand familja li toqgħod Santa Venera. L-ispiża kienet ta' €180. Is-Sur Anthony Busuttil (Ta' Kaspan), b'mod volontarju, ħa ħsieb il-konservazzjoni tagħhom billi jqaxxar il-verniċ u jagħtihom ix-xama' skont kif titlob is-sengħa. Kienu lesti sal-festi tal-Milied 2021, bl-aħħar 2 ikunu lesti sal-festa liturġika tal-Konverżjoni ta' San Pawl 2022. (**Ara ritratt no.6**)

**Iffumigar u Irtokk tal-Induratura ta' Gandlieri tal-Injam li jintramaw fuq l-Altar tal-Kor għal Kuljum**

F'Awwissu 2021, is-6 gandlieri tal-injam li jintramaw fuq l-Altar tal-Kor għal kuljum ittieħdu mill-Kappillan u s-Sur Ninu Abdilla għall-iffumigar għand *Comtec Service Ltd* minħabba li kienu qed ikunu nnutati xi toqob tas-susa fuqhom. L-ispiża kienet ta' €30. Wara dan, fuq inizjattiva tas-Sur Josef Mifsud, f'Settembru 2021 is-Sur Joseph Gatt mill-Birgu irtokkjahom, bix-xogħol ikun wieħed volontarju.

**Irtokk tal-Induratura tal-Gandlieri tal-Injam tal-Festa li jintramaw fuq l-Altari tal-Grazzja u tal-Kunċizzjoni**

Fuq inizjattiva tas-Sur Josef Mifsud, lejn nofs Settembru 2021, is-Sur Joseph Gatt mill-Birgu rtokkja s-sett gandlieri li jintramaw fuq l-Altar tal-Grazzja fi żmien il-festa minħabba li kienu qed iġarrbu xi tqaxxir. Ġew lura lejn l-aħħar jiem ta' Novembru 2021. Wara sar irtokk ukoll fuq is-sett gandlieri li jintramaw fuq l-Altar tal-Kunċizzjoni. Ix-xogħol sar b'mod volontarju.

**Saru 2 Arranġamenti ġodda tal-Fjuri tal-Milied**

Is-Sur Brian Camilleri ġie mqabbad jagħmel 2 Arranġamenti ġodda tal-Fjuri tal-Milied biex jeħlu bejn il-Pilastri Maġġuri ta' fuq il-Presbiterju, biex jikkumplimentaw dawk eżistenti. L-ispiża kienet ta' €165.


1
GUZEPPI MERCIECA


SAN PAWL


2


3


4


5

**Konservazzjoni u induratura ta' 2 frejms antiki ta' Ventaltari għall-festi tal-Milied, tal-Għid, u xi festi liturġiċi oħra**

Lejn nofs Ottubru 2022, is-Sur Ninu Abdilla tqabbad jagħmel alterazzjoni u konservazzjoni fl-injam ta' 2 frejms antiki ta' Ventaltari biex ikunu jistgħu jintużaw mal-Altar Maġġur u mal-Altar tal-Kor fi żmien il-Milied, fl-Għid u f'xi festi liturġiċi oħra.

Fil-bidu ta' Novembru 2021, is-Sur Ninu Abdilla u l-Kappillan ħaduhom għall-iffumigar għand *Comtec Service Ltd* minħabba li kellhom ammont ta' toqob tas-susa fuqhom. L-ispiża kienet ta' €90.

Imbagħad, lejn il-bidu ta' Marzu 2022, ittieħdu għand is-Sur Dominic Xerri minn Ħal Qormi biex jieħu ħsieb jindurahom mill-ġdid. Iżżanżnu għall-festi tal-Għid, lejn nofs April 2022, bl-ispiża għal dan ix-xogħol tkun ta' €3,200 (€1,600-il wieħed).

**Armarju ġdid għaż-Żewġ Ventaltari tal-Presepju u tas-Sepulkru u *Stand* għat-Torċi**

Tul Marzu 2022, is-Sur Ninu Abdilla, flimkien ma' ibnu Edwin, ħadu ħsieb ifasslu armarju ġdid biex fih jintrefgħu ż-2 ventaltari tal-Presepju u tas-Sepulkru. Dan ġie wara l-armarju li fih jintrefa' l-bankun tal-lanterni tar-Rużarju u li issa sar fuq ir-roti. Dan l-armarju l-ġdid, flimkien ma' *stand* għat-Torċi tlestew f'April. L-ispiża tal-injam kienet ta' €200, filwaqt li x-xogħol sar gratis. (**Ara ritratt no.7**)

**Damask *canavazzo d'oro* Roża – Kanipew, Ventartal, Purtiera u Sopraleġiju (Avvent u Randan)**

Inxtara drapp *canavazzo d'oro* ta' lewn roża mal-gallun u l-frenza għalih mingħand *George Zammit & Sons* sabiex minnu nħietu kanipew, ventartal, purtiera għat-tabernaklu u sopraleġiju sabiex jintużaw fit-Tielet Ħadd tal-Avvent u fir-Raba' Ħadd tar-Randan. Is-Sinjura Tessie Magri ħadet ħsieb il-ħjata waqt li s-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb jaħdem il-qafas tal-injam tal-ventaltar. Dan iżżanżan lejn nofs Diċembru 2021, fit-Tielet Ħadd tal-Avvent. L-ispiża kienet ta' €500. (**Ara ritratt no.8**)

**Damask *canavazzo d'oro* Abjad – Ventartal u Sopraleġiju**

Inxtara drapp *canavazzo d'oro* ta' kulur abjad mal-gallun u l-frenza għalih mingħand *Betlehem Bazaar - Scerri Art Studio* biex minnu nħietu ventartal, u sopraleġiju għall-Ambone jikkumplimentaw is-sett eżistenti sabiex jintużaw fi żmien il-Milied u l-Għid, u f'San Pawl ta' Jannar. Is-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb jaħdem il-qafas tal-injam tal-ventaltar, filwaqt li s-Sinjura Tessie Magri ħadet ħsieb il-ħjata. Il-ventartal, u s-sopraleġiju għal-Leġiju, iżżanżnu għall-festi tal-Milied. L-ispiża kienet ta' €1,750.

**Restawr u Konservazzjoni tal-Kwadru tan-Nawfraġju ta' San Pawl li hu miżmum fis-Sagristija**

Fil-bidu ta' Frar 2022 is-Sinjura Amy Sciberras temmet ir-restawr u l-konservazzjoni tal-Kwadru tan-Nawfraġju ta' San Pawl li hu miżmum fis-Sagristija, bl-ispiża għalih tkun ta' madwar €3,000. Il-kwadru twassal lura l-knisja mil-laboratorju lejn il-bidu ta' Frar 2022 grazzi għat-trasport ipprovdut senza interessi minn *F. Borg and Sons Transport*, u wara li kien esebit fil-knisja għall-jiem tal-festa tan-nawfraġju ta' San Pawl (10/02), tqiegħed f'postu fis-Sagristija. (**Ara ritratt no.9**)

**Restawr u Konservazzjoni tal-Kwadri tal-Kunċizzjoni u ta' San Benedittu li huma miżmuma fis-Sagristija**

Fil-bidu ta' Frar 2022, il-Kwadri tal-Kunċizzjoni u ta' San Benedittu miżmuma fis-Sagristija, ukoll ittieħdu fil-laboratorju tal-Konservatriċi u Restawratriċi, is-Sinjura Amy Sciberras, f'Ħal Qormi, għar-restawr. Inġiebu lura l-knisja mil-laboratorju fl-aħħar ġimgħa ta' April 2022 grazzi għat-trasport ipprovdut senza interessi minn *F. Borg and Sons Transport*. L-ispiża kienet ta' €2,500 u €2,220 rispettivament. (**Ara ritratt no.10**)

## <u>Il-Kappella ta' Santa Marija</u>

**Xogħol mid-Direttorat ta' Konservazzjoni u Restawr fuq il-Lat Estern**

Matul din is-sena kompla għaddej il-proġett ta' Restawr u Konservazzjoni fuq il-Lat Estern ta' din il-Knisja mill-ħaddiema tad-Dipartiment tar-Restawr taħt id-direzzjoni u r-responsabbiltà tal-Perit Audrey-Anne Bonnici. Lejn nofs Ottubru 2021 beda jiżżarma l-i*scaffolding* mill-ġenb u jintrama fil-faċċata ta' din il-knisja. Infakkru li dan il-proġett kien possibbli grazzi għall-iskema ta' Proġetti ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi. Ħajr tal-appoġġ li sibna lill-Onor. Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Storiku, Kultura u l-Kunsilli Lokali, lill-Perit Audrey-Anne Bonnici u lill-ħaddiema kollha tad-Dipartiment tar-Restawr. Dan il-proċess tista' tgħid li ntemm qrib Jum Ħal Safi, lejn l-aħħar ta' April 2022.

Biss, kif kien qed jispiċċa l-proċess minn barra, is-Sur Norbert Caruana ġie mqabbad mill-Parroċċa biex jieħu ħsieb idur it-tikħil tal-fili tal-kappella minn ġewwa, it-tibjid tas-sagristija u t-tqaxxir, it-tiswija u ż-żbigħ mill-ġdid tal-aperturi kollha (il-bieb prinċipali, il-bieb laterali, il-bieb tas-sagristija, kif ukoll dak intern ta' bejn is-Sagristija u l-Knisja, flimkien mat-twieqi kollha). Ix-xogħol huwa lest u mħallas. (**Ara ritratt no.11**)


6


7


8


9


10



11





12





13





14



15



## Id-Dar Parrokkjali

**Manutenzjoni fuq il-Fanal tan-Niċċa ta' Santa Marija li tinsab mal-faċċata laterali tad-Dar Parrokkjali**
Lejn in-nofs ta' Novembru 2021, grazzi għall-Kunsill Lokali, ħaddiema mqabbda minnu ħadu ħsieb iwaħħlu aħjar u jiżbgħu l-Fanal tan-Niċċa ta' Santa Marija li tinsab mal-faċċata laterali tad-Dar Parrokkjali.

**Xogħol fl-Uffiċċju Parrokkjali**
Beda xogħol sabiex jinħoloq arkivju tal-parroċċa, sabiex r-registri u dokumenti antiki jkunu preservati, klassifikati u aċċessibbli għal kulhadd. Ħajr lil Tony u Monica Bonniċi li qed jagħmlu dan ix-xogħol b'mod volontarju.

## Iċ-Ċentru Parrokkjali

**Tiswija ta' Ħsarat ta' Vit u Kanen tal-Ilma**
F'Lulju 2022, is-Sur Ġużi Bondin ħa ħsieb isewwi ħsarat li żviluppaw f'kanen u vit tal-ilma fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**Il-Gwarniċi u l-Loppa tat-Tużell jibdew jintrefgħu fil-Garaxx taċ-Ċentru**
Lejn l-aħħar ta' Awwissu 2021, eżatt l-għada tal-Festa 2021, il-Gwarniċi u l-Loppa tat-Tużell ġew trasferiti għal ġol-garaxx taċ-Ċentru biex jibdew jintrefgħu fih flimkien mal-qafas tiegħu u ma' diversi affarijiet tal-Knisja.

## Il-MUSEUM l-Antik

**Inawgurazzjoni tal-Proprjetà biex tibda tiffunzjona bħala d-*Dun Karm Lia Dementia Day Centre u Night Shelter***
Wara sena u disa' xhur mill-kuntratt li ra ħidma bla waqfien mill-SPML (*Social Projects Management Ltd*) - fejn inbidlu s-soqfa ta' bosta partijet, inbidlu xi ħitan u tkabbret ukoll it-tomba ta' fuq il-bejt, ġie installat lift, u diversi *air conditioners* u aċċessorji oħra utli biex il-post ikun aktar aċċessibli, l-Erbgħa 17 ta' Novembru 2022 filgħaxija saret l-inawgurazzjoni ta' din il-proprjetà mikrija lill-Gvern bħala *Dementia Day Centre u Night Shelter*. Dan sar f'ċerimonja ippreseduta mill-Onor. Dr Michael Farrugia, Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva. Preżenti kien hemm ukoll l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, li bierek dan il-proġett. Dan kollu sar ukoll fil-preżenza tas-Sur Renzo De Gabriele, Direttur tal-Aġenzija tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, tas-Sindku Johan Mula u l-Kunsillieri, kif ukoll tal-Kappillan Kan. David Farrugia, diversi saċerdoti u l-membri tal-

Kunsill Parrokkjali, fost persuni oħrajn. Dan id-*Dementia Day Centre u Night Shelter* issemma għal Dun Karm Lia, ex-Kappillan ta' Ħal Safi (1960-1979) li tant ħadem biex dan il-post jinbena u jservi ta' ġid għall-komunità. L-ispiża għal dan ix-xogħol ta' tiġdid laħqet is-somma ta' €300,000, li tħallsu minn fondi pubbliċi. Barra minn hekk, is-servizzi soċjali li se joffri se jkunu kollha pprovduti u mmexxija min-naħa ta' dan id-Direttorat, bl-ewwel persuni li jibbenefikaw mis-servizz, jibdew jiġu aċċettati nhar it-Tnejn 29 ta' Novembru, 2021. (**Ara ritratt no.12**)

## **<u>Iċ-Ċimiterju</u>**

**Tħawwil ta' Xtieli Ġodda**
Lejn nofs Ottubru 2021, is-Sur Josef Mifsud u zitu Doris ħawlu xi xtieli ġodda fiċ-Ċimiterju. Dawn ġew mogħtija mill-Familja Mifsud stess.
**Bdil tas-Sillatura tan-*Notice Board* taċ-Ċimiterju**
Fil-bidu ta' Novembru 2021, is-Sur Vincent Cutajar ħa ħsieb jibdel is-Sillatura tan-*Notice Board* taċ-Ċimiterju. L-ispiża kienet ta' €15.
**Qlugħ ta' Siġar**
Wara diversi tentattivi li ħadu s-snin biex l-ERA tapprova l-qlugħ ta' siġar (waħda mill-Awrikarji ta' quddiem li baqgħet timrad, u 2 prinjoli fuq wara taċ-Ċimiterju) lejn nofs Marzu ntgħatajna l-permessi meħtieġa, u lejn il-bidu ta' April, bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali, *Parks Malta* ħadu ħsieb il-qlugħ tagħhom. Ħajr lid-Diriġenza tad-Dar tal-Kleru li għenitna biex nagħmlu kumpens ta' 40 siġra, u lil Pawlu Polidano tal-*crane* u l-inġenji biex naslu għal dan il-pass u nevitaw aktar ħsara, kif sfortunatament kienet seħħet f'Novembru 2021.
**Tiswija u bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra**
Fil-bidu ta' Novembru 2021, il-Kappillan flimkien mas-Sur Paul Busuttil għal darb'oħra ħadu ħsieb it-tiswija u l-bdil tal-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra.
**Tankijiet ġodda taż-żibel**
F'Mejju 2022, saret donazzjoni minn benefattur ta' tankijiet ġodda biex jibdlu oħrajn qodma jew jiżdiedu ma' dawk preżenti biex wieħed ikollu aktar faċilità fejn jarmi weraq u fjuri nexfin, eċċ.  Is-Sur Ninu Abdilla ħa ħsieb jadattahom.

## **<u>Il-Proġetti Prinċipali</u>**
### **<u>Akkwist, Restawr, u Niċċa għall-Abbozz tal-Istatwa titulari ta' San Pawl</u>**

Fi tmiem il-quddiesa ta' Lejliet il-Festa 2021 (28/08/21) kien ippreżentat b'mod uffiċjali l-Abbozz li fuqu nħadmet l-Istatwa titulari ta' San Pawl, imnaqqax minn Alessandru Farrugia nnifsu. Il-kuntratt ta' ftehim li sar quddiem in-Nutar Massimiliano Troisi Menville mill-W. Rev. Kappillan Dun Ġwann Caruana u


FAST, RELIABLE & AFFORDABLE
★ Construction Works
★ Concrete and Form Works
★ Stamped and Sprayed Concrete Paving
★ Warehouse and Garage Concrete Floor Screeds
★ Installation of Earth Electrode
★ Hire of Plant and Machinery
★ Refurbishing of Pavements
★ Road Patching Work
★ Laying of Waterproofing Membrane
J.&K. Contractors Ltd.
102, Triq il-Hammieri, Qormi QRM 1505
TEL: 21447805
MOB: 99494813 / 99479186
EMAIL: jandkcontractorslimited@gmail.com


PARADISE WINES & SPIRITS
Tal-Paradise
CASH & CARRY
■ Wholesalers of Wines, Spirits and Soft Drinks
■ Supplier for Gas Cylinders
20, Triq L-iSkola, Ħal Safi
Tel: 21682125 • Mob: 99269375 • e-mail: paradise_nick@hotmail.com

Mikiel'Anġ Abdilla versu Alessandru Farrugia, nhar l-4/10/1842 fejn (fol. 466v), hemm din ir-referenza għalih: *"**mirqum u ndurat bħall-mudell li l-imsemmi Sinjur Kappillan Caruana**(mis-Siġġiewi u kappillan ta' Ħal Safi għal 40 sena: 1840-1880), **ingħata mingħand l-istess Farrugia, u li għandu jibqa' f'idejn l-istess Kappillan mingħajr ebda argument**."* Il-Familja Saliba li toqgħod is-Siġġiewi, u li dan l-aħħar ġie fil-pussess tagħha, għoġobhom jgħadduh lill-Parroċċa tagħna bil-ħsieb li jkun apprezzat u jitgawda aktar minna lkoll. Biex ġie f'idejna nhar it-Tnejn 9/08/21 filgħaxija, tajna donazzjoni ta' €800, liema ammont tħallas minn benefattriċi li xtaqet tibqa' anonima. Mill-ewwel ħsibna li nixtrulu bozza adatta biex waqt li jitgawda jkun protett mit-trabijiet, eċċ., u sibna waħda tal-qies mingħand *Treasure Antiques* tal-Ħamrun għall-prezz ta' €350. Ninu Abdilla ħa ħsieb jaħdem il-qiegħ tal-bozza u pedestall ta' kaxxa għall-istess statwa, li ġew ukoll illustrati kif jixraq. Il-Laboratorju *Atelier del Restauro*, permezz ta' Valentina Lupo, ġie avviċinat biex jagħmel spezzjoni preliminari bil-ħsieb li jwettaq il-konservazzjoni u r-restawr meħtieġ fuq din ix-xbieha. L-ispiża għal dan ir-restawr hi stmata li tkun €1,784. Eżatt wara l-festa, is-Sur Ninu Abdilla tqabbad jaħdem niċċa adatta biex dan l-abbozz bil-bozza tal-ħġieġ li tipproteġih jitqiegħdu b'mod permanenti fis-sagristija. Lejn l-aħħar ta' Ottubru 2021 kienet lesta u twaħħlet f'postha filwaqt li saret rilokazzjoni ta' diversi kwadri kif ukoll tal-arloġġ fis-sagristija stess. Ix-xogħol kif ukoll l-ispiża tal-materjal għan-niċċa saru bla ħlas.
Eventwalment l-abbozz ittieħed għand l-Atelier del Restauro, nhar l-14 ta' Frar biex jinbeda l-proċess ta' konservazzjoni u r-restawr meħtieġ fuq din ix-xbieha, bil-ħsieb li jkun lest sa Diċembru 2022. (**Ara ritratt no.13**)

## Tibdil tal-*Fittings* u r-Rifletturi li jdawlu l-intern tal-Koppla tal-Knisja Parrokkjali u Sistema ġdida li ddawwal il-Lat Estern tal-Knisja ta' Santa Marija

F'Settembru 2021 imtliet applikazzjoni bit-titlu Installazzjoni ta' Dawl professjonali u innovativ u artistiku fil-Parroċċa ta' Ħal Safi, li jikkonsisti f'tibdil tal-*light fittings* li jdawlu l-intern tal-Koppla tal-Knisja Parrokkjali bil-pitturi tal-iskutella kif ukoll tal-pendenti ta' taħtha, kollha ta' Gianni Vella, kif ukoll sistema ġdida li ddawwal il-Lat Estern tal-Knisja ta' Santa Marija. Lejn nofs Ottubru 2021, ġejna infurmati li l-proġett sottomess ġie aċċettat taħt l-iskema *Science and Innovation in the Community 2021* u se tiġi allokata s-somma ta' €9,990. Fil-bidu ta' Novembru kien iffirmat il-kuntratt mal-Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Ħajr lis-Sur Michael Pace Ross u lill-Fondazzjoni Patrimonju Kulturali tal-Arċidjoċesi ta' Malta - VO/1288, li applikat f'isem il-Parroċċa, lil Alexis Callus li ħa ħsieb jikkoordina dan il-proġett mil-lat ta' formoli, u lil Peter Cutajar ta' *Light Design Solutions* ta' B'Kara li pprovdielna l-*fittings*. L-ispiża kienet ta'

# G. CAMILLERI

G.P.S.

PETROL STATION

Valletta Road, Żurrieq

Tel: 2164 7235 ~ 2164 1647 Fax: 2164 1647




# CAR WASH

- Car Servicing
- Wheel Balancing
- Car Accessories
- Crash Helmets
- Puncture Repairs
- Car Batteries
- Oils & Filters
- Mountain Bikes
- Power Tools
- Free Balancing with Alloy Wheels
- Car Batteries with 3 Years Guarantee

*Jawgura l-Festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha.*

€9,994.56. L-installazzjoni tal-*light fittings* tal-lunetti u l-koppla saret mis-Sur Pawlu Busuttil lejn nofs Diċembru biex kollox iżżanżan għall-Milied 2021. Mill-banda l-oħra, id-dawl tal-Lat Estern tal-Knisja ta' Santa Marija żżanżan għall-aħħar ta' April 2022, bl-installazzjoni issir mis-Sur Matthew Sacco. Ġie użat il-ġebel tal-qawwi (4) biex fihom jitqiegħdu l-*light fittings* ta' mal-art, i.e. ta' fuq iz-zuntier, inħadmu minn Christopher Mifsud u ġew jiswew €650 li tħallsu mill-Parroċċa. Ħajr speċjali lill-Ministru Owen Bonnici, dak iż-żmien Ministru għar-Riċerka, Innovazzjoni u l-Koordinazzjoni tal-Istrateġija wara COVID-19, ta' kull appoġġ, kif ukoll lil Eng. Stanley Zammit. (**Ara ritratt no.14**)

**Installazzjoni ta' Sistema Kompjuterizzata għad-Daqq tal-Qniepen tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi**

Wara li fi Frar 2022 imtliet applikazzjoni bit-titlu Installazjoni ta' Sistema Kompjuterizzata għad-Daqq tal-Qniepen tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi, lejn nofs Marzu 2022, ġejna infurmati li l-proġett sottomess ġie aċċettat taħt l-iskema *Science and Innovation in the Community 2022* u ġiet allokata s-somma ta' €8,000. Fil-bidu ta' Mejju ġie ffirmat il-kuntratt mal-Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Ħajr lill-Ministru Owen Bonnici ta' kull appoġġ, lis-Sur Michael Pace Ross u lill-Fondazzjoni Patrimonju Kulturali tal-Arċidjoċesi ta' Malta - VO/1288, li applikat f'isem il-Parroċċa, lil Alexis Callus li ħa ħsieb jikkoordina dan il-proġett mil-lat ta' formoli, u lil Alex Caruana ta' B'Bugia li ħa ħsieb jiġbrilna l-istimi meħtieġa. L-ispiża hija stmata li tkun €11,568.81. Sar rikors il-Kurja għal dan il-proġett u qed nistennew risposta sabiex nibdew ix-xogħol fuq dan il-proġett.

**Restawr tal-Lat Estern tal-Knisja Parrokkjali**

Qabel il-festa tas-sena li għaddiet (2021) tlabt lill-Perit Amanda De Giovanni biex tiġi żżur il-Knisja Parrokkjali tagħna u tagħmel rapport tekniku dokumentat bir-ritratti dwar ir-restawr tal-lat estern tagħha - bjut, tambur tal-koppla, il-kampnar, il-ħitan, l-aperturi: twieqi u bibien. Innutajna li hemm xi ġebel li beda jitmermer jew jitfarrak, u fili miftuħin u ħsarat li qed jiġu kkawżati minn diversi elementi naturali, bħar-riħ, il-kesħa, in-nida, l-ilma tax-xita, u s-sħana qawwija fis-sajf, u minn fatturi umani, bħalma huma viti mwaħħlin fil-ħitan minħabba d-dawl tal-festa. L-istima li jindika dan ir-rapport hi madwar €77,000. F'Settembru 2021, dan ir-rapport tressaq u ġie diskuss mas-Sur Michael Pace Ross, Segretarju Amministrattiv tal-Arċidjoċesi ta' Malta, li flimkien esplorajna l-possibbiltà li napplikaw għal Fondi Ewropej u ġejna mgħarrfa li rridu nistennew sejħa oħra, liema sejħa jidher li se jkollha dan il-persentaġġ: 60% iffinanzjat mill-UE u 40% mill-Parroċċa.


Malamont & Silvan Butcher
45, Triq L-iskola, Safi
Prop: Mr. Silvan Dalli
Mob No.: 9988 1632
Għall-aqwa servizz u kwalità
ta' laħam frisk u tal-friża, tiġieġ u
fniek friski, ħut u ħaxix tal-friża u
kull xorta ta' laħam frisk
li tista' ssib f'ħanut tal-laħam.
Il-festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha!


CARABOTT
Jewellers
For Crystal, Gold
& Silver items
Dun Ġużepp Zammit Street, Żurrieq - Malta
Tel: 2168 0760

**<u>Tiswija u induratura ta' 2 Settijiet ta' Gandlieri</u>**

Lejn l-aħħar jiem ta' Novembru 2021, is-Sur Joseph Gatt mill-Birgu tana lura 4 gandlieri arġentati bl-ispiża tkun €1,120.

Fl-aħħar ta' April 2022, is-Sur Vincent Farrugia ta' Ħal Safi stess tana lura sett gandlieri arġentat mill-ġdid biex jintrama fuq l-altar tal-Kor għal żmien il-Milied u l-Festa Liturġika tal-Konverżjoni ta' San Pawl (25 ta' Jannar), bl-ispiża tkun ta' €2,500. Is-Sur Anthony Abdilla ħa ħsieb jaħdem il-bukkini tal-injam għalihom flimkien mal-pajpijiet biex iservu ta' xemgħat, filwaqt li s-Sur Josef Mifsud flimkien ma' ħuh Charlot Mifsud ħadu ħsieb il-*wiring*, il-h*olders* u l-bozoz. (**Ara ritratt no.15**)

Bħal dejjem qatt ma tkun lest u għalhekk matul is-sena li ġejja rridu nkomplu nħarsu 'l quddiem, sew biex inlestu xi proġetti, fosthom ir-restawr tal-Knisja minn barra, il-bjut, l-aperturi (it-twieqi tal-koppla u tal-knisja), il-ħitan b'uħud mill-fili tagħhom li qed jinfetħu, u ġebel li jrid jinbidel. Wara nkunu nistgħu nibdew induru l-Knisja minn ġewwa. Hemm ukoll iċ-Ċentru Parrokkjali li rridu nieħdu ħsieb. Bdejna naħdmu fuq dan u diġà beda xi xogħol ta' tindif tal-bitħa, ħajr lill-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi u lill-ħaddiema tal-ministeru tax-xogħlijiet pubbliċi u l-ippjanar ta' kull appoġġ. Biss, ħafna minn dan kollu jiddependi mill-ġenerożità tagħkom, li mhux biss tidher fid-donazzjonijiet finanzjarji, imma wkoll fid-disponibiltà għall-għajnuna volontarja li tingħata.

Nirringrazzja mill-qalb lil dawk kollha li b'ġenerożità u sagrifiċċju jwettqu tant xogħol li ta' kuljum jagħmluh b'tant dedikazzjoni mingħajr ħafna daqq ta' trombi: il-ftuħ u l-għeluq tal-knisja, tal-kappella tal-adorazzjoni u taċ-ċimiterju, il-ħasil tal-knisja parrokkjali u tal-knisja ta' Santa Marija, u t-tindif taċ-Ċentru u ċ-ċimiterju, id-daqq tal-qniepen, l-arranġamenti tal-fjuri, flimkien mal-armar għad-diversi ċelebrazzjoniet li jsiru. Grazzi lil dawk kollha li matul dan l-aħħar sentejn offrew ruħhom bħala voluntieri biex tittieħed it-temperatura u jkollna s-sanitizers meħtieġa għal min jidħol il-knisja, u jitnaddfu s-siġġijiet wara kull ċelebrazzjoni sabiex hekk il-knisja tibqa' post sigur anke f'dawn iż-żminijiet partikulari ta' sfida li għadna għaddejjin minnhom. Napprezzaw aktar għajnuna, u nappella biex kull min jista' jagħti mqar l-iċken sehem, ma joqgħodx lura imma ma jibżax jersaq ħa jagħti sehmu.

**GRAZZI KBIRA LILL-VOLUNTIERI U LILL-BENEFATTURI KOLLHA.**





## L-Esperjenza tiegħi bħala Abbati fil-Vatikan

*Jerome Farrugia*

Wara ħafna studju u preparamenti, fl-aħħar waslet il-ġurnata tant mistennija tat-13 ta' Awwissu tal-2021, sabiex jiena flimkien ma' abbatini oħrajn immorru l-Vatikan biex nagħmlu s-servizzi għall-quddies li jiġi iċċelebrat fil-Bażilika ta' San Pietru ġewwa Ruma.





Mal-wasla tagħna f'Ruma, Dun Frans Bonnici, li huwa l-persuna li jieħu ħsieb l-abbatini li jitilgħu l-Vatikan, laqqagħna ħdejn l-Obelisk li jinsab f'nofs Pjazza San Pietru. Wara bqajna deħlin ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru, fejn aħna l-abbatini bqajna affaxxinati u sorpriżi bil-kobor u l-ġmiel li din il-Bażilika toffri.

Matul dik il-ġimgħa indimentikabbli, aħna konna nqumu kmieni sabiex nippreparaw il-kalċijiet tal-qassisin u nixegħlu l-altari li fihom kienu se jkunu iċċelebrat l-quddisiet tas-7:00 u 7:30 ta' filgħodu. Konna nieħdu ħsieb li nixegħlu wkoll l-altari tal-Grotte Vaticane li jinsabu taħt il-Bażilika. Wara, konna nħejju ruħna biex ngħinu lill-qassis jiċċelebra l-quddiesa li kienet tkun iċċelebrata bit-Taljan.



Is-Sibt 14 ta' Awwissu 2021 kienet ukoll ġurnata mill-isbaħ għax dakinhar kellna l-Vestizzjoni tal-Abbatini. Il-quddiesa kienet iċċelebrata fil-Kappella Del Coro mill-Kan. Robert Grech fejn hemmhekk irċevejna l-faxxa l-ħamra bl-arma tal- Bażilika ta' San Pietru. Din il-faxxa tindika li aħna l-abbatini konna sirna abbatini uffiċjali ta' din il-Bażilika.

Il-ġurnata tal-Ħadd kienet tkun mimlija daqs bajda għax barra li nagħmlu servizz fil-quddies ta' filgħodu u ta' matul il-ġurnata, kien ikollna wkoll il-*Laudi* li huwa talb ta' tifħir u l-*Vespri* li huwa t-talb ta' filgħaxija.

Il-Ħadd, wara l-Angelus, kelli l-opportunità li niltaqa' mall-Q.T. il-Papa Franġisku. Kien mument emozzjonanti meta rajt u tkellimt ma' l-aktar persuna importanti fis-soċjetà tal-Knisja li huwa tant umli. Dak il-ħin ħassejt ferħ kbir ġewwa qalbi.

Jien kelli wkoll l-opportunità li nerġa' mmur nagħti s-servizz tiegħi bħala abbati matul il-ġimgħa tal-Milied. Din l-esperjenza se tibqa' marka ġewwa qalbi għax flimkien ma' abbatini oħrajn konna ipparteċipajna fil-quddiesa solenni ta' lejlet il-Milied li kienet iċċelebrata mill- Q.T. il-Papa Franġisku.

Jien ninsab ċert li din hija l-isbaħ esperjenza li qatt kelli u li se nibqa' ngħożżha tul ħajti kollha. Barra li huwa ta' unur kbir għalija li kelli din l-opportunità, jien ħadt gost ħafna naqsam din l-esperjenza magħkom, filwaqt li nħeġġeġ lill-abbatini ta' Ħal Safi biex huma wkoll jirnexxilhom jagħmlu din l-esperjenza li żgur ma jinsew qatt.



# RENDIKONT FESTA SAN PAWL - 2021

| DĦUL | € |
|---|---|
| Inviloppi u Arbural | 5858.00 |
| Ġbir fil-Knisja | 1710.00 |
| Reklami għall-Fuljett | 790.00 |
| Donazzjoni għall-Mużika tal-Festa | 500.00 |
| TOTAL | 8858.00 |

| ĦRUĠ | |
|---|---|
| Servizzi Liturġiċi | 275.00 |
| Mużika tal-Jiem tat-Tridu | 628.00 |
| Mużika ta' Lejlet u nhar il-Festa | 809.00 |
| Orkestra tal-Festa ta' San Pawl (25 ta' Jannar) | 444.00 |
| Elettriku - Konsum + Maħżen tal-Armar | 528.76 |
| Ipprintjar tal-Ktieb tal-Festa | 735.00 |
| Sagristan, pedaġġi, trattamenti | 448.30 |
| Bibien Esterni tal-Knisja: Xkatlar u Verniċ | 375.00 |
| Restawr u tiswijiet: Gandlieri (x 7) | 1120.00 |
| Xiri tal-Fannijiet tal-Festa (x2) | 140.00 |
| Depożitu Terħa u Ventaltar tar-Rakkmu - Altar Kor | 2000.00 |
| TOTAL | 7503.06 |

| BILANĊ | 1354.94 |
|---|---|

ĦAJR:

- lil min ta kontribuzzjoni biex kellna festa li tixraq lil San Pawl
- lill-Banda San Pawl li tgħin bil-kbir biex tferraħ lill-komunità
- lil dawk li jieħdu ħsieb l-armar u t-tindif tal-knisja u barra, xogħol li jsir volontarjament
- lil dawk li ħadu ħsieb il-ktieb tal-festa
- lil 2 familji, għad-donazzjoni tagħhom għall-mużika ta' lejlet u ta' nhar il-festa

X'nixtieqhere iktar:

- li ma tħallux l-inviloppi d-dar
- li żżidu l-kontribuzzjoni
- benefatturi oħra li jħallsu l-mużika tal-Festa, speċjalment tat-Tridijiet tal-Festa

pasteur
PHARMACY

a: Triq it-Tellerit, Safi. SFI 1621

e: pasteur@onvol.net | t: 21/27689944

opening hours:

8.00am to 1.00pm | 4.00pm to 7.00pm



Follow us on Facebook

www.fb.com/pasteurpharmacysafi





Quddies ta' Ringraz
(01/05






zzjament lil Fr. David
/2022)



# RAYMOND ABDILLA

## EXPORTER & IMPORTER

## SEED AND WARE POTATOES

*Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-varjetajiet:*

*Patata Bikrija li tinżera f'Ottubru*

**Arizona** *(tal-bikri)*

*Għall-esportazzjoni*

**Santè** – *(bikrija)*
**Alpha**
**Agria**
**Alouette** – *(tal-qoxra ħamra)*
**Arizona**
**Lavante**
**Paradiso**
**Picasso**




**Fertilizzant tal-aqwa kwalità**

(blu) NPK 12+12+17+M
(isfar) Ammonium Nitrate 27%
(abjad) Ammonium Sulphate 21%
Organic Pellets
Urea 46%

"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi SFI 1615
Tel: 21436594 (Grading Station)
Mob: Raymond - 9949 7980,
Malcolm - 9944 9553, Joanna - 9983 0176
E-mail: abdilla.potatoes@gmail.com

AGRICO

# St. Paul's Dental Clinic

Dolmen Street, Safi

Tel: 27560272 Mob: 79092400





A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.



*Quddiesa tal-Pu*
*(17/06/*







usses ta' Fr. Ivan
/2022)





# Ċelebrazzjonijiet tal-Festa f'Ġieħ il-Konverżjoni ta' San Pawl 2022

**It-Tlieta, 16 ta' Awwissu**
*Jum l-Ewkaristija*

| | |
|---|---|
| 6:30pm | Quddiesa fil-Knisja ta' Santa Marija, fejn wara jkollna ħin ta' adorazzjoni u tingħata l-Barka Sagramentali. (Ma ssirx quddiesa fil-Knisja Parrokkjali). |

**Il-Ġimgħa, 19 ta' Awwissu**

| | |
|---|---|
| 9:00am | Quddiesa għall-membri tas-*Safi Day Centre* fis-Sala Pietru Pawl Busuttil tal-Kunsill Lokali. |
| 6:30pm | Quddiesa fiċ-ċimiterju biex niftakru f'ħutna mejtin (Ma ssirx quddiesa fil-Knisja Parrokkjali). |
| 9:00pm | *The Red Gathering* – organizzata mill-Kummissjoni Armar fil-Każin Banda San Pawl |

**Is-Sibt, 20 ta' Awwissu**
*Jum it-Tifkira ta' Ħutna Mejtin*

| | |
|---|---|
| 6:30pm | Quddiesa għall-erwieħ ta'dawk li mietu fil-parroċċa mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn u għal ħutna mejtin li ħadmu għall-festa. |
| 8:30pm | Lejla Ħal Safija: *All Time Hits - The Concert*<br>Jieħdu sehem The Spiteri Lucas Band flimkien mal-kantanti Chiara, Ivan Spiteri Lucas, Thea Aquilina, Cherise Attard u Kayley Cuschieri. Jippreżenta Joseph Barber Bonavia. Ikun hemm varjetà ta' ikel organizzat mis-Sottokumitat tan-Nisa fil-pjazza ta' Ħal Safi. |

**Il-Ħadd, 21 ta' Awwissu**

| | |
|---|---|
| 8:50am | Ċerimonja ta' tqegħid ta' kuruna quddiem ix-xbieha ta' San Pawl tal-ġebel f'Misraħ il-Knisja mill-President u l-membri tal-Każin Banda San Pawl flimkien mal-Kappillan. |
| 9:00am | Quddiesa bis-sehem tal-membri tal-Każin Banda San Pawl u s-Sezzjonijiet kollha. Fi tmiem il-quddiesa, ilkoll flimkien mal-membri tal-Għaqda tan-Nar San Pawl Safi, nitolbu biex il-Mulej, bl-interċessjoni ta' San Pawl, iħarishom minn kull periklu tar-ruħ u tal-ġisem matul din il-ġimgħa speċjali tal-festa. |
| 8:30pm | *Pasta Night* organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini fil-Pjazza ta' Ħal Safi.<br>Ikun hemm divertiment minn kantanti lokali. Mistieden speċjali Joe Demicoli. |

### *Il-Ġimgħa tal-Festa*

**It-Tnejn, 22 ta' Awwissu - JUM IL-ĦRUĠ TAL-VARA**

*Jum is-Sejħa Nisranija*

6:30pm — Quddiesa, immexxija mill-Kappillan ir-Rev. Kan. Ivan Scicluna, bis-sehem tas-Sorijiet Dumnikani, Sorijiet u Reliġjużi mill-parroċċa, u l-Abbatini, u li fiha ssir il-preżentazzjoni tat-trabi lill-Appostlu Missierna San Pawl.

7:30pm — Ħruġ tal-istatwa ta' San Pawl fuq iz-zuntier u tislima bl-Innu Popolari. Tieħu sehem il-Banda San Pawl ta' Ħal Safi li ddoqq l-Innijiet u wara tagħmel marċ ferrieħi li jibda mill-Pjazza tal-Knisja u jkompli għal Triq San Pawl, parti minn Triq San Ġwann, Triq San Ġorġ, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija u jintemm fil-pjazza quddiem il-Każin Banda San Pawl.

**It-Tlieta, 23 ta' Awwissu**

*Jum it-Tfal u ż-Żgħażagħ*

6:30pm — Quddiesa mill-Kappillan ir-Rev. Kan. Ivan Scicluna bis-sehem tat-tfal u ż-żgħażagħ li jħobbu l-festa.

7:30pm — Diversi tfal u żgħażagħ jimxu wara xbieha ta' San Pawl mill-Knisja Parrokkjali f'diversi toroq f'Ħal Safi waqt il-kant tal-innijiet ta' San Pawl.

8.30pm — Fiera u BBQ organizzati mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini fil-Pjazza tal-Knisja b'riżq il-festa.

**L-Erbgħa, 24 ta' Awwissu - L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

*Jum ir-Rabta Pawlina*

9:30am — Quddiesa għall-membri tas-*Safi Day Centre, Dementia Centre* u l-anzjani mill-Kappillan ir-Rev. Kan. Ivan Scicluna fil-Knisja Parrokkjali.

6:30pm — Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk li joqogħdu f'toroq imsemmija jew b'rabta ma' San Pawl, dawk li ġew joqogħdu Ħal Safi, Ħalsafin li joqogħdu f'irħula oħra, u dawk li joqogħdu barra minn Malta. Imexxi u jagħmel l-omeliji tal-jiem tat-Tridu, Mons. Anton Gouder. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

8:30pm — Marċ mill-banda Filarmonika Santa Marija tal-Mosta, li jgħaddi minn Triq San Ġwann (in-naħa ta' Ħal Kirkop), idur għal Triq il-Kuċċard, Triq is-Summien, Triq in-Nassaba, Triq it-Tellerit, Triq l-Iskola, idur għal Triq iż-Żurrieq u jispiċċa fil-Pjazza tal-Knisja.

**Il-Ħamis, 25 ta' Awwissu - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

*Jum l-Għixien Familjari*

5:00pm — Qrar

6:30pm — Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk il-koppji li qed jiċċelebraw il-10/20/25/30/40/50/60 Anniversarju taż-żwieġ tagħhom, u dawk li żżewġu wara l-festa tas-sena l-oħra biex iġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ

| | |
|---|---|
| | tagħhom. Mistiedna wkoll dawk li qed jagħmlu l-mixja għat-tħejjija taż-żwieġ u l-ħajja tal-familja. (*Min bi ħsiebu jattendi xi waħda minn dawn tajjeb li jinkiteb fl-Uffiċċju Parrokkjali*). Imexxi Mons. Anton Gouder. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl. |
| 8:45pm | Il-Banda San Pawl Safi tesegwixxi Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier, fejn fost oħrajn jindaqq u jitkanta l-Innu l-Kbir 'Is-Sejħa', taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro. Michael Bugelli bis-sehem tal-Kor Mirabitur u s-solisti Marita Bezzina u Vince Farrugia. Tieħu sehem ukoll Martina Cutajar. Tippreżenta s-Sinjorina Claire Zammit. |

**Il-Ġimgħa, 26 ta' Awwissu - IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**

*Jum l-Għaqdiet u l-Impenn Nisrani*

| | |
|---|---|
| Filgħodu | Tqarbin tal-Morda fi djarhom. |
| 5:00pm Qrar | |
| 6:30pm | Quddiesa kantata bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien mal-għaqdiet reliġjużi u dawk li jgħinu fil-ħidma missjunarja jew għamlu esperjenza missjunarja. Imexxi Mons. Anton Gouder. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl. |
| 8:45pm | Marċ mill-Banda San Pawl Safi li takkumpanja l-istatwa ta' San Pawl fuq iż-Żiemel. Il-marċ jibda minn Triq il-Feniċi għal Triq il-Biedja, Triq ta' Ġawhar, Triq il-Kenn, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq il-Ħajt Ruman, Triq iż-Żurrieq, u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja fejn l-Istatwa tittella' fuq il-pedestall fost briju kbir. Wara jkun hemm kant ta' diski Pawlini u jintwera wkoll il-*feature* tal-festa. |

**Is-Sibt, 27 ta' Awwissu - LEJLET IL-FESTA**

| | |
|---|---|
| 8:00am | Quddiesa mir-Rev. Dun Tony Pace li fiha jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-*Te Deum*. |
| 5:00pm | Qrar |
| 6:00pm | Purċissjoni li titlaq mill-Knisja Parrokkjali għall-Knisja ta' Santa Marija. Qabel toħroġ il-purċissjoni jkun hemm it-tberik tal-istandard il-ġdid tal-fratellanza tas-Sagrament. |
| 6:15pm | Inċensazzjoni tar-Relikwa u Translazzjoni mill-Knisja ta' Santa Marija għall-Knisja Parrokkjali. Isir il-kant tal-Innu u tal-Antifona ta' San Pawl. Wara jsir il-kant tal-Għasar Solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi l-kappillan, ir-Rev. Kan. Ivan Scicluna. |
| 7:30pm | Quddiesa ppreseduta mir-Rev. Kan. Ivan Scicluna stess. |
| 8.30pm | Il-Banda San Pawl Safi tesegwixxi programm fuq il-planċier. |
| 9.30pm | Ikun hemm il-wirja piroteknika ewlenija li tinkludi: beraq pront, beraq bir-raxx, beraq tal-kulur, murtali tal-logħob, murtali tal-kulur. Tintemm b'kaxxa tal-kulur u wirja piroteknika bil-*fire one* li tinkludi sfejjer, blalen, ftuħ tal-kulur u tal-beraq u lampjun. |
| 11.30pm | Wirja tal-logħob tan-nar tal-art artistiku u mekkanizzat fil-*bypass*. |

**Il-Ħadd, 28 ta' Awwissu - JUM IL-FESTA**

| | |
|---|---|
| 6:45am | Quddiesa mir-Rev. Dun Tony Pace. |
| 9:00am | Quddiesa Solenni konċelebrata ta' Jum il-Festa, immexxija mill-Kappillan ir-Rev. Kan. Ivan Scicluna. Jinseġ il-Paniġierku l-Kan. Anton Galea Scannura, Kappillan ta' Birżebbuġa. |
| 12:00pm | Jibda l-Marċ ta' Filgħodu mill-Banda San Pawl ta' Ħal Safi. Jibda mill-Pjazza tal-Knisja, jgħaddi għal Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq il-Ħajt Ruman, Triq iż-Żurrieq u jasal fil-Pjazza tal-Knisja fejn jilħaq il-qofol tiegħu quddiem il-Każin Banda San Pawl. Jintemm fis-2:00pm |
| 6:00pm | Quddiesa, iċċelebrata mir-Rev. Kan. Leonard Mintoff, Viċi Parroku tal-parroċċa Kristu Re f'Raħal Ġdid. |
| 7:15pm | Tibda l-purċissjoni bl-istatwa titulari tal-Appostlu San Pawl. Imexxi r-Rev. Kan. Leonard Mintoff Viċi Parroku tal-parroċċa ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid. Mal-ħruġ tal-purċissjoni jindaqqu l-innijiet, u jinħarqu musketterija, salut u kaxxa infernali. Il-Kor Mirabitur jakkumpanja l-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema waqt l-innijiet tal-ħruġ, u l-istess banda takkumpanja l-purċissjoni. Il-Banda Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D.1990 tagħmel programm mużikali fuq il-planċier fil-Pjazza tal-Knisja. |
| 10:00pm | Jindaqqu l-Innijiet ta' San Pawl mill-banda Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D.1990 akkumpanjata mill-Kor Mirabitur taħt it-tmexxija ta' Simone Attard. |
| 10:30pm | Ninġabru fuq iz-zuntier, tinħaraq kaxxa infernali u nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl lura fil-Knisja. Fid-dħul tagħha titkanta l-antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. |
| 11:00pm | Isir il-Marċ tan-Nar mill-Banda San Pawl ta' Ħal Safi li jibda minn Triq iż-Żurrieq, jakkumpanja l-istatwa ta' San Pawl fuq iż-Żiemel li titniżżel minn fuq il-pedestall u jintemm kollox fil-Pjazza tal-Knisja f'nofsillejl. |

## *Ġewwa l-Knisja Parrokkjali:*

Fil-jiem tat-Tridu l-orkestra u l-Kor Sine Macula jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M.

Lejlet u Nhar il-Festa tindaqq il-mużika tas-Surmastrijiet Dr Paolo Nani u Mro Antonio Nani. L-orkestra u l-Kor Sine Macula jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Alexandra Borg B.Educ, A.Mus L.C.M.









tal-Festa 2021









## Il-Falliment ta’ San Pawl?

*Grace D'Amato - Superjura M.U.S.E.U.M Bniet*

Awwissu reġa’ magħna..... xahar għażiż għalina l-Ħalsafin għaliex huwa x-xahar li fih niċċelebraw il-festa tal-konverżjoni ta’ San Pawl.

Kieku aħna f’daqqa waħda kellna nitilfu d-dawl t’għajnejna konna ngħidu: “ “Kemm jien sfortunata!” “Kemm jien sfortunat!”. San Pawl fi triqtu lejn Damasku tilef id-dawl t’għajnejh! Għal ħafna spiċċa fallut. Imma San Pawl ma kienx iħares lejn id-diżgrazzji tiegħu bħala xi ħaġa negattiva, imma bħala xi ħaġa pożittiva; bħal xi ħaġa li minnha wieħed jista’ jakkwista xi ħaġa.



Aħna nibżgħu ħafna mill-fallimenti. Ħadd ma jieħu gost bil-fallimenti. Imma fir-realtà l-fallimenti huma dawk iċ-ċirkostanzi li fil-fatt jgħallmuna ngħixu. Il-bniedem ma ssirx tafu waqt is-suċċess. Waqt is-suċċess ikollu maskra, imma meta bniedem ikun għaddej minn mument diffiċli hemmhekk joħroġ il-karattru kollu; tinnota kemm hu bniedem li fih hemm rabja, li fih hemm riżentiment, huwiex bniedem li jaf jaħfer jew le, jekk jiskuraġġix ruħu u jieqaf jew huwiex bniedem li waqt il-falliment donnu jieħu kuraġġ ikbar, jiġri iżjed. Il-fallimenti jgħallmuk, jagħtuk forza ġdida biex timxi 'l quddiem.

Il-fallimenti fil-ħajja huma kontinwi. Meta ngħid fallimenti x'nifhem? Il-veri fallimenti jkunu meta jiġu quddiemek affarijiet kuntrarji li ma kontx tistenniehom u quddiem dik is-sitwazzjoni int tibqa' fuq riġlejk. Kemm nies jitilfu l-fiduċja fihom infushom u saħansitra jaqtgħu qalbhom mill-ħajja għax ġew wiċċ imbwiċċ ma' falliment u ma kenux kapaċi jirbħuh. Tiġi diffikultà u ma jafux kif iħolluha. Kemm persuni li sakemm huma b'saħħithom kollox sew; malli dawn jimirdu jingħalqu fihom infushom u d-dinja spiċċat għalihom!

Il-fallimenti jiġu fuq kulħadd. Meta aħna nkunu quddiem falliment nisimgħu żewġt ilħna – l-ewwel leħen hu l-leħen tax-xitan. Ix-xitan isibna fuq sieq waħda, u hu dak li jkun irid. Meta jkollok qtigħ il-qalb, skoraġġiment, dwejjaq, faċli x-xitan jagħmel ħerba. Il-leħen l-ieħor huwa l-leħen tal-Mulej li jgħidlek: " Titlifx l-opportunità għax kull falliment, kull diffikultà huma mumenti ġodda fejn inti tista' tikber." Mela l-falliment naturalment ma jfittxu ħadd; huwa mument fejn lill-Mulej ngħidulu kif qal Ġesù lill-Missier: "Jekk hu possibbli neħħili l-kalċi" imma r-realtà hija waħda; bħal meta int qed issuq fi triq kollha ħofor, tiskarta waħda u ssib l-oħra. Din hi l-ħajja tagħna. Imma jiddependi jien quddiem dawn il-fallimenti kif inġib ruħi.

Hawnhekk għandna mudell li hu San Pawl. San Pawl huwa Qaddis kbir. Ħajtu ma kitbuhiex l-awturi imma kitibha Alla stess fil-Bibbja. Ħafna drabi meta naqraw il-ħajja tal-Qaddisin l-awturi jpinġuhomlna daqs li kieku qed taqra rumanz. Għalhekk inti tara l-għeġubijiet li għamlu, imma mhux it-taqbida li huma jkunu qegħdin jagħmlu, u tgħid: "Jaqaw dawn twieldu qaddisin!", filwaqt li l-Bibbja ma tippreżentahx hekk lil San Pawl. Tippreżentahulna bħala bniedem bħalna bid-diffikultajiet, bit-taqbida u bil-ġlieda li aħna wkoll qegħdin u rridu nagħmlu.

Jiena naħseb li l-ikbar falliment uman għal San Pawl kien meta waqa' minn fuq iż-żiemel fit-triq ta' Damasku. San Pawl kien miexi b'awtorità kbira – f'idejh kellu l-karti li jagħtuh awtorità li jitfa' fil-ħabs lil min irid. Kien imdawwar mis-suldati li kienu qed jipproteġuh u l-persuni li kienu qed jieħdu ħsiebu. Kburi, għaddej fit-triq ta' Damasku u hemm tiġri xi ħaġa li żgur qatt ma kien jistennieha: jaqa' minn fuq iż-żiemel u jagħma. San Pawl issa lanqas biss seta' jimxi waħdu, riedu

jaqbdulu idejh u jmexxuh; id-dalma fil-ħajja. U biex tkompli tikber, il-Mulej jibagħtu għand Ħananija, l-akbar għadu tiegħu; dak li San Pawl kien kważi ħalef li jaqbdu u jitfgħu ġol-ħabs u dak kien se jkun l-ikbar sodisfazzjon tiegħu. Lil San Pawl, Alla jġibu fix-xejn biex ikun jista' jibnih. Hawnhekk San Pawl kellu jieħu deċiżjoni – jew jirribella jew jaċċetta. San Pawl seta' rribella; dak il-ħin seta' mhux biss ma aċċettax, imma seta' jeħodha kontra Alla talli qed jippermetti dak kollu.

Imma San Pawl jieħu t-triq l-oħra; jistaqsi, "Xi tridni nagħmel?" U San Pawl baxxa rasu biex jagħmel proprju dak li Alla riedu jagħmel. Dawn huma mumenti diffiċli ħafna fil-ħajja tagħna – il-mument tad-dalma. Dan huwa perijodu ta' diffikultà kbira li fiha wieħed jista' jerġa' lura u hekk il-falliment ikun ħakimna jew inkella bi tbatija nkomplu miexja 'l quddiem, sakemm il-Mulej jagħtina dak li fir-realtà jixtieq jagħtina. San Pawl baqa' miexi. Kieku rribella jew beża' kien jitlef dak kollu li Alla ppjana għalih. Li jmur għand Ħananija kienet battalja għalih, imma mexa, mar għand Ħananija. B'umiltà aċċetta l-għajnuna li Ħananija ried jagħtih; proprju lil dak li hu ried iwaddab fil-ħabs, ġie bżonnu. B'dan il-mod San Pawl jaffronta d-diffikultà tiegħu.

Kultant aħna ninsew it-taqbida nterna li kien hemm f'San Pawl. San Pawl, għaliex laħaq il-libertà tal-ispirtu u ma kienx jibża', jgħid li hu midneb (Rum. kap7). Ma beżax jgħid fuq il-ġlieda spiritwali li kien għaddej minnha. Jew disperazzjoni jew tiggranfa mal-Mulej. Pawlu seta' jagħżel it-triq tad-disperazzjoni. Staqsa lilu nnifsu, "Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tad-dnub?" San Pawl jagħtina t-tweġiba: ĠESÙ KRISTU. Il-falliment tad-dnub ma nħalluhx ikissirna għax bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu se nagħrfu kemm Ġesù lilna jħobbna.

Il-mixja ta' San Pawl lejn Kristu ma kenitx faċli – il-mixja tal-qdusija. Kellu jitqabad, kellu jistinka. Il-mixja tal-qdusija mhix xi ħaġa maġika; irridu nitqabdu. Imma l-Mulej lest li jagħtina l-għajnuna biex kif għamel din il-mixja San Pawl, jirnexxilna nagħmluha aħna wkoll.

Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba!





## DEO GRATIAS…

*Andrew Barbara - Superjur M.U.S.E.U.M Subien*

Għeżież,

Il-Paċi Magħkom.

It-Tnejn 23 ta' Awwissu 2021. Irkibt il-karozza u flok ma ħadt it-triq li kont imdorri nieħu għal numru ta' snin, din id-darba kelli nsuq daqsxejn aktar mis-soltu. It-triq kont għadni nitħawwadha daqsxejn, imma triq 'l hawn u triq 'l hemm, b'xi mod wasalna l-Qasam tal-Museum ta' Ħal Safi fejn minn dakinhar kelli nibda l-ħidma ġdida tiegħi.

**Il-Qasam**

Hekk sejħilha Dun Ġorġ id-dar li fiha jinġabru tant u tant tfal, adolexxenti u żgħażagħ kuljum fl-irħula biex jitgħallmu t-tagħlim tal-ħajja. Qasam... li t-tifsira proprja tiegħu hija biċċa art, għalqa li tinħadem u hekk minnha nieħdu l-ikel ta' kuljum li jsostnina u jagħtina l-enerġija meħtieġa għall-ħajja. Hekk ukoll id-djar tal-Museum huma 'għelieqi' li fihom, min jattendi jieħu tagħlim formattiv li jsostni, jibdel għall-aħjar u jġib 'il quddiem 'il dawk involuti. Għax il-bniedem mhuwiex ġisem biss jew ruħ biss, imma ġisem u ruħ. U huwa għalhekk li hemm bżonn nieħdu ħsieb kemm tal-ġisem kif ukoll tar-ruħ. San Ġorġ Preca kien jgħallem li "It-tagħlim tajjeb hu l-għajn ta' kull ġid'!

**Deo Gratias**

Nirringrazzja 'l Alla li kuljum niġi l-Qasam u nsib membri, tfal u adolexxenti li minkejja l-età, il-karattri u l-gosti differenti, nilqgħu lil xulxin bit-tislima ta' Kristu 'Il-paċi miegħek'. Għax il-paċi tibda mid-dar, man-nies ta' ġewwa! Nieħu gost u nitgħallem meta nara żewġt itfal li l-jum ta' qabel, ta' tfal li huma, jkunu ħarġu jilletikaw u l-għada tarahom jilagħbu qisu qatt ma kien xejn.

Nirringrazzja 'l Alla tal-kumpanija ta' sħabi l-membri li għalkemm kollha nġorru bagalja ta' esperjenzi differenti, xorta nitkellmu flimkien u ngħinu lil xulxin fejn

ikun hemm bżonn... is-sabiħ li l-kwalitajiet li Alla żejjinna bihom, nużawhom għall-ġid tal-oħrajn.

Nirringrazzja ‘l Alla tal-preżenza ta’ kull tifel u adolexxent li b’qalb miftuħa jkun ġie l-Qasam biex jiltaqa’, jitkellem, jilgħab, jitgħallem u jifforma ruħu flimkien ma’ sħabu.

Nirringrazzja ‘l Alla wkoll tal-ħafna tajjeb u sabiħ li nara fit-tfal u l-adolexxenti mimlijin enerġija u li l-istorbju u ċ-ċajt tagħhom jagħti l-ħajja lill-Qasam. Bl-għajnuna ta’ xulxin u bil-grazzja ta’ Alla, narahom jinbidlu f’persuni aħjar.

Nirringrazzja ‘l Alla għal dawk li huma responsabbli mit-trobbija tat-tfal u l-adolexxenti. L-eżempju tagħhom huwa skola siekta li tagħti sapport ‘il dak li jitgħallmu u jieħdu mill-Qasam.

**Art tajba**

Ta’ dan kollu u ta’ ħafna affarijiet oħra, għandna għaliex nirringrazzjaw lil Alla. Għalkemm ir-raħal ta’ Ħal Safi huwa raħal żgħir, huwa art tajba u fertili ħafna. Hija responsabbiltà tagħna l-kbar li nkomplu nieħdu ħsieb lit-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa u ngħinuhom jikbru fil-ħajja Nisranija, biex bl-għajnuna ta’ Alla, ‘il quddiem ikollna ġenituri responsabbli u ta’ prinċipju li jrabbu lil uliedhom b’valuri sodi, membri tal-Museum li jkomplu jgħallmu t-tagħlim tal-ħajja, saċerdoti li jkomplu jġibu lil Ġesù preżenti fostna u nies li jgħixu ħajja ikkonsagrata li bl-eżempju tagħhom ikunu dawl għall-oħrajn.

**Illum**

Illum it-triq tgħallimtha sew u dejjem niġi l-Qasam għal qalbi. Nitlob bil-qalb lis-Sinjur Alla, lil Ommna Marija, lil San Pawl (li San Ġorġ Preca kien iqisu bħala l-fundatur tal-Museum) u lil San Ġorġ Preca biex huma jbierku kull ħidma li ssir favur it-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa.

Mill-ġdid, il-paċi magħkom,



V. Spiteri



VSS



& Sons Ent. Ltd.



**TRANSPORT SERVICE:** Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...

  seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck – Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749 Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt





## Barnaba u Lidja - Dixxipli ta’ Pawlu

*Daniel Mangion*




Fi żmien San Pawl kienet komuni ħafna li l-predikaturi popolari, ikollom diversi segwaċi b’uħud minnhom isiru wkoll dixxipli u jmorru kull fejn imur il-predikatur/l-imgħallem tagħhom. Pawlu ta’ Tarsu, li d-don tal-kelma tiegħu kien b’saħħtu ħafna, kellu diversi dixxipli. Dawn id-dixxipli kienu saħansitra anke jmorru miegħu fil-vjaġġi missjunarji u ta’ evanġelizzazzjoni li kien jagħmel minn żmien għal żmien. Fost dawn id-dixxipli, li kienu jsegwu lil Pawlu, kien hemm San Barnaba u Santa Lidja.

San Barnaba ma kienx wieħed mit-tnax li Ġesù sejjaħ biex ikunu appostli. Imma, sa mill-bidu nett ġie msejjaħ appostlu minħabba l-ħidma kbira tiegħu għall-Knisja. Kien Lhudi, twieled f’Ċipru, trabba f’Ġerusalemm, u x’aktarx li studja fl-iskola ta’ Gamaljel, fl-istess żmien ma’ San Pawl.

***[Atti:4:35] Imbagħad kien jitqassam kollox skont il-ħtieġa ta’ kull wieħed. Hekk għamel il-levita Ġużeppi, minn Ċipru, li l-appostli kienu jsejħulu Barnaba, jiġifieri bin il-faraġ.***

Barnaba kien wieħed minn tal-ewwel li kkonvertew għall-Kristjaneżmu, f’Ġerusalemm, wara Pentekoste. L-Isem proprju ta’ Barnaba kien Ġużeppi, imma l-appostli biddlulu ismu f’Barnaba – Bin il-Faraġ. Kien raġel tajjeb u ta’ ħlewwa kbira, mimli bl-Ispirtu s-Santu u l-fidi. Skont l-Atti tal-Appostli kellu għalqa, u biegħha, u dak li daħħal tagħha tah lill-appostli biex iqassmuh lill-foqra. Dan juri kemm tassew dan Barnaba kien iħares it-tgħalim ta’ Ġesù.



Meta San Pawl, tliet snin wara li kkonverta, mar Ġerusalemm, kien Barnaba li laqgħu u introduċieh lil San Pietru. Minħabba wkoll li l-Insara għall-ewwel sabuha bi tqila biex jemmnu kif minn persekutur qalil, sar wieħed minnhom mimli b'ħeġġa l-iktar kbira, kellu wkoll ikun Barnaba li jwittilu t-triq u jħeġġeġ lil dawn il-Kristjani biex isegwu dak li qed ixandar Pawlu.

***[Atti:13:2] Darba, waqt li kienu qegħdin iqimu lill-Mulej u jsumu, l-Ispirtu s-Santu qalilhom: "Agħżluli malajr lil Barnaba u lil Sawl għax-xogħol li għalih sejjaħtilhom." Imbagħad, wara li samu u talbu, qiegħdu idejhom fuqhom u bagħtuhom.***

Minn Ġerusalemm, Barnaba mar iżur il-Knisja ta' Antjokja. Kien f'din il-belt li s-segwaċi ta' Kristu bdew għall-ewwel darba jiġu msejħa Insara. Darba minnhom Barnaba mar Tarsu, sab lil San Pawl, u wara li stiednu, ħadu miegħu u ħadmu flimkien biex isaħħu l-Komunità ġdida ta' Antijokja. Meta waqa' għaks kbir f'Ġerusalemm u l-Insara kienu qed ibatu, San Barnaba u San Pawl ġabulhom l-għajnuna li kienu ġabru minn għand l-Insara ta' Antjokja.

***[Atti:15:1] Imma mbagħad niżlu xi wħud mil-Lhudija u bdew jgħallmu lill-aħwa: "Jekk ma toqogħdux għaċ-ċirkonċiżjoni skont id-drawwa li ġejja minn***

***Mosè, ma tistgħux issalvaw." Pawlu u Barnaba qamu kontra tagħhom u ħaduha magħhom bis-sħiħ.***

Kien għalhekk li Pawlu u Barnaba niżlu Ġerusalemm sabiex jitkellmu u jiddiskutu mal-Appostli u l-presbiteri. Fl-istorja tal-Knisja Kattolika dan baqa' magħruf bħala l-Ewwel Konċilju, imsejjaħ il-Konċilju ta' Ġerusalemm. Għalkemm kien hemm min ma qabilx mal-argumenti li ġabu Pawlu u Barnaba, l-argument tagħhom ikkonvinċa lil Ġakbu u lil Pietru, tant li ġie deċiż li sabiex tieħu l-magħmudija u tidħol fil-familja Kristjana, ma kienx hemm bżonn li ssir iċ-ċirkonċiżjoni.

***[Atti:15:37] Barnaba ried li magħhom jieħdu wkoll lil Ġwanni, jgħidulu Marku. Imma Pawlu deherlu li ma kellhomx jieħdu magħhom wieħed li, meta kienu fil-Pamfilja, telaqhom u ma marx magħhom għax-xogħol.***

Imbagħad Barnaba ngħaqad ma' San Pawl u mar miegħu fl-ewwel vjaġġ missjunarju f'Pamfilja u magħhom ħadu lil Mark (l-Evanġelista, li kien il-kuġin ta' Barnaba) li wara telaqhom f'nofs triq. San Barnaba u San Pawl kienu se jerġgħu jmorru jippridkaw flimkien, iżda ma qablux fuq Mark. Barnaba ried li jeħduh magħhom iżda San Pawl ma riedx. Spiċċaw biex Barnaba ħa lil Mark u mar Ċipru, waqt li San Pawl ħa lil Sila u mar is-Sirja. Wara dan ma nafux x'sar minn Barnaba. Iżda t-tradizzjoni tgħid li miet martri, mħaġġar, f'Salamis, Ċipru, fis-sena 61.

Il-Festa ta' San Barnaba tiġi ċċelebrata fil-11 ta' Ġunju.

***[Atti:16:14] Waħda minnhom kien jisimha Lidja, mara minn Tijatira, negozjanta tal-porpra u kienet tqim lil Alla. Hija qagħdet tismagħna, u l-Mulej fetħilha qalbha biex tifhem dak li kien jgħid Pawlu.***

Wara li nfired minn ma' Barnaba, Pawlu ħa miegħu lil Sila u ftit wara ngħaqad magħhom Timotju. Waqt il-vjaġġ missjunarju tagħhom fil-Maċedonja għaddew minn Filippi, li kienet il-belt ewlenija tal-provinċja tal-Maċedonja, belt Griega, u kolonja Rumana. Wara li qagħdu ftit jiem fil-belt ħarġu 'l barra, lejn ix-xmara u qagħdu jitkellmu ma' xi nisa li kien hemm miġbura flimkien. Fost dawn in-nisa kien hemm Lidja.




Lidja kienet ġejja mir-raħal ta' Tijatira. Dan ir-raħal li llum



huwa parti mit-Turkija kien magħruf għall-bejjiegħa tat-tessuti, b'mod partikulari l-porpra, li kienet drapp ta' kulur ħamrani li jxaqleb ħafna lejn il-vjola. Kif jindikalna l-awtur sagru fis-silta t'hawn fuq, naraw kif din Lidja kienet fil-fatt hi wkoll negozjanta tal-porpra, u huwa għalhekk li fl-ikoni naraw lil Santa Lidja mlibbsa ilbies ħamrani skur jew vjola.

***[Atti:16:15] Wara li tgħammdet, hi u l-familja tagħha, talbitna u qaltilna: "Jekk jidhrilkom li jiena nemmen fil-Mulej, ejjew oqogħdu d-dar tiegħi." U ġagħlitna noqogħdu għandha.***

Il-fatt li pperswadiet lill-familja tagħha titgħammed u stiednet lil Pawlu u lil sħabu joqogħdu d-dar tagħha, juri li Lidja kienet is-sid tad-dar tagħha u għalhekk qatt ma setgħet tkun skjava kif kienu jiddibattu ċerti teologi fil-bidu. Teologi oħra jargumentaw ukoll li f'dak iż-żmien, in-nisa ma kinux meqjusa daqs l-irġiel, u l-fatt li kienet sid tad-dar tagħha jindika li Lidja jaf kienet ukoll armla.

***[Atti:16:40] Kif ħarġu mill-ħabs, marru d-dar ta' Lidja. Hemm iltaqgħu mal-aħwa, farrġuhom bi kliemhom, u telqu.***

Fuq il-mewt ta' Santa Lidja ftit li xejn nafu. Iżda din il-qaddisa patruna ta' dawk in-nies li jaħdmu fiż-żebgħa, u li baqgħet magħrufa għall-ħlewwa li wriet ma' Pawlu u sħabu, baqgħet meqjuma ħafna mill-Kristjani b'mod speċjali fil-Knisja Ortodossa fejn hija meqjuma f'diversi ikoni. Barra minn hekk, fejn tradizzjonalment jingħad li ġiet mgħammda Santa Lidja minn San Pawl, ftit 'il bogħod mir-raħal ta' Filippi, inbena battisteru modern.

Il-Festa ta' Santa Lidja tiġi ċċelebrata fit-3 ta' Awwissu.


SAFI Pharmacy
Triq San Ġwann, Safi
Tel: 2164 9552, 7933 1718
OPEN ALL DAY
Monday to Saturday
7.45am - 7.00pm


KULL M'GĦANDU BŻONN
L-Induratur
DEHEB TA' L-INDURATURA, SILVER LEAF, ALUMINIUM LEAF FLIMKIEN MA' DIVERSI GĦODDA U PRODOTTI OĦRA RELATATI MA' DAN IX-XOGĦOL ARTISTIKU KIF UKOLL GĦAR-RESTAWR.
EST 1923
E. THEUMA & COMPANY LTD.
"Theuma House", 302, St. Paul Street,
Valletta VLT 1213, MALTA
Tel +356 21 236605 / 21 234075 Fax: +356 21 244201
info@etheuma.com www.etheuma.com

# DR ALEXANDRA GAUCI

**tawgura l-Festa t-Tajba**
**lill-Ħalsafin kollha**

Infakkarkom li qed noffri s-servizz
tiegħi mill-klinika

HealthQi

Family Wellness Clinic

**Clinic by Appointment**

Mon + Fri (9:00am - 11:00am)
(4:00pm - 7:00pm)

**Tue - Thu (4:00pm - 7:00pm)**
**Saturday (8:30am - 11:30am)**

**77, Triq l-Iskola, Ħal Safi**
**Mob: 9984 0443**


Can't beat Dee's sizzling fresh taste
EST 2012
Dee's
Pizzeria & Takeaway
Our tantalising menu just got bigger and better!
Ranging from pizzas to juicy homemade burgers and beyond.
One thing is certain:
**it'll be love at first bite.**
we are on
Bolt Food
@deesmalta
@dees_pizzeria_takeaway
info@dees.mt
Żurrieq & Ħal Għaxaq
(+356) 2168 0200 | (+356) 7968 0200


art
academy
Art Academy has arrived in Zurrieq!
Visit us near the Xarolla Windmill for art lessons, art supplies, back to school supplies & framing
www.artacademydirect.com


XAROLLA
DENTAL CLINIC
FOR APPOINTMENTS & EMERGENCIES PLEASE CALL
2164 1741
9949 2415 / 7940 7454
Restorative treatment
Oral surgery
Root canal treatments
Cosmetic dentistry
Dental crowns & bridges
Veneers
Tooth whitening
Dental Implants
Periodontal treatment
Paediatric dentistry
Dentures
Orthodontics
OPENING HOURS
MONDAY TO FRIDAY
8:30 - 13:00 AND 14:00 - 19:00
SATURDAY
8:30 - 13:00
Xarolla Dental Clinic
xarolladental@gmail.com


NO MATTER WHAT
LIFE THROWS AT YOU,
IT'S HOW YOU DEAL
WITH IT THAT MATTERS!
GasanMamo
INSURANCE
we're always there
Ħal Safi
61, Żurrieq Road
T: (+356) 2768 2095, 2168 2095
Joseph Busuttil Ltd. Tied Insurance Intermediary • jbs16@hotmail.com
Joseph Busuttil Ltd. (Enrolment No. C94669) is authorised under the Insurance Distribution Act & licensed to carry out Tied Insurance Intermediary activities for GasanMamo Insurance Ltd., which is authorised under the Insurance Business Act & regulated by the MFSA.
GASANMAMO.COM


The Fruit Tree
35, Triq il-Bronja, Zurrieq Tel: 21647657 Mob:79926196
Prop. Joseph Scerri
Daily Fresh Fruit & Vegetables
Mon
(8:30 - 12:30), (16:00 - 19:00)
Tue, Wed, Fri
(7:00 - 12:30), (16:00 - 19:00)
Thur
(8:30 - 12:30), (16:00 - 19:00)
Sat
(7:00 - 13:00)





## Il-Qniepen tal-Knisja ta' Ħal Safi se jibdew jindaqqu b'mezzi mekkaniċi kompjuterizzati

*Tarcisio Barbara - Moderatur Kunsill Pastorali Parrokkjali*

F'dawn l-aħħar snin kienet qed tinħass il-ħtieġa li ssir xi ħaġa sabiex l-erba' qniepen sbieħ li għandna tal-Funderija Barigozzi, jindaqqu regolarment. Il-voluntieri fil-knisja bdew jonqsu u spiċċajna li biex jindaqqu l-qniepen għall-quddies, fit-tmienja, f'nofsinhar, fl-Ave Marija, trapassjonijiet, u għal xi ċelebrazzjoni oħra, kellu jieħu dan l-intrigu l-Kappillan, meta dan mhux xogħlu.

Ftit tax-xhur ilu kont għamilt suġġeriment lill-Kappillan, biex il-qniepen nagħmluhom jindaqqu b'mezz mekkanizzat. Minħabba s-sitwazzjoni li ġejna fiha, il-Kappillan aċċetta mal-ewwel dan is-suġġeriment u b'kumbinazzjoni jew inkella providenzjalment, sirna nafu li l-Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, ħareġ sejħa biex tingħata għajnuna mill-Iskema Xjenza u Innovazzjoni fil-Komunità.




Flowers by
DD
Flowers for all occasions.
We supply high quality fresh flowers at affordable prices. All bouquets and floral arrangements are carefully put together. Delivery to localities nearby is available.
Contacts:
Flowers by DD


Pet
Care
Store
Qrendi Road, Zurrieq
Tel: +356 21649727

Ma domniex naħsbuha ħafna u kkuntattjajna lil ċertu Alex Caruana, li snin ilu kien għamel sistema kompjuterizzata u mekkanizzata, biex jindaqqu l-qniepen tal-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa. Din is-sistema kienet irnexxiet ħafna u għadha taħdem sal-lum. Min-naħa tiegħu Alex għamlilna appuntament u jien flimkien mal-Kappillan preċedenti, il-Kan. Dun David Farrugia, inżilna Birżebbuġa biex naraw kif taħdem is-sistema. Din tikkonsisti f'apparat kompjuterizzat li jkun fis-sagristija u jibgħat sinjali fil-kampnar u permezz ta' mrietel mekkanizzati, il-qniepen jindaqqu. Jista' jindaq kollox inkluż moti.

Wara li ddiskutejna internament u rajna li l-ispiża se titla' għal aktar minn €10,000, ħtafna l-okkażjoni u applikajna għall-fondi li semmejt. Bi pjaċir kbir, fit-18 ta' Marzu 2022, ġejna informati mill-Ministeru konċernat, li se ningħataw €8,000. Minnufih kien hemm persuna li saret taf b'dan il-proġett u tatna €300 u hekk il-ġbir beda għal dan l-iskop, biex jekk Alla jrid dan il-proġett jirnexxi.

Il-Kappillan, Kan. Dun Ivan Scicluna, kompla dan il-proċess u għamel ir-rikors quddiem il-Kurja. Sadanittant saret l-ordni għand Kumpanija fl-Italja wara proċess ta' offerti. Issa qed nistennew li jintbagħat il-materjal u fl-istess ħin ġietna tajba, għax il-Parroċċa ta' Ħal Kirkop ukoll applikat għal sistema simili u peress li applikajna flimkien għand l-istess Kumpanija, se nkunu qed niffrankaw xi ħaġa wkoll.

Nisperaw li x-xogħol jibda fix-xhur li ġejjin u hekk il-qniepen tal-Parroċċa tagħna se jkunu jistgħu jindaqqu f'ħinijiet ipprogrammati minn qabel mingħajr il-preżenza ta' persuni, u mhux hekk biss, iżda b'għafsa ta' buttuna tista' ddoqq li trid, kemm jekk tkun barka jew xi mota. Tajjeb ngħidu wkoll li s-sistema preżenti, jiġifieri li l-qniepen jindaqqu manwalment, tista' tibqa' tintuża. Dawk li jixtiequ jagħtu għajnuna finanzjarja għal dan il-proġett, jekk jogħġobkom avviċinaw lill-Kappillan.

Nixtieq naħtaf l-okkażjoni sabiex nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd u nispera li l-poplu ta' Ħal Safi jattendi u jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li se jiġu organizzati ġewwa l-knisja u barra.

# Dr Anthony Gauci

*jawgura l-Festa t-tajba*
*lill-Ħalsafin kollha.*
*Infakkarkom li qed inservi*
*fil-klinika tad-dar tiegħi*

## Grazzi

**'Ċettina House'**
**4, Żurrieq Road, Safi**

**Tel. No: 21641277**
**Mob: 99496111**



# Manwel Buhagiar (1876-1965) u xogħlijiet tiegħu fil-knisja ta’ Ħal Safi

*Dorian Baldacchino*



Matul is-seklu dsatax naraw bidla fil-ħajja Maltija fl-element kulturali u soċjali, speċjalment fil-festa Maltija. Matul dan il-perijodu naraw karatteristiċi ġodda li bdew jiġu ntrodotti fil-festa Maltija, fosthom insibu mużika, nar, u armar. Dan sabiex id-devoti jkomplu jarrikkixxu l-knejjes tagħhom bl-ifjen oġġetti, kif ukoll iżejnu t-toroq tagħhom bl-isbaħ armar bħal statwi tal-kartapesta, pedestalli u trofej. F’dan l-istess perijodu ħafna parroċċi u fratellanzi (fejn jidħlu l-festi sekondarji) bdew jikkummissjonaw opri ġodda għall-knejjes tagħhom.

Kien f’dan l-isfond soċjali u kulturali li twieled fih Manwel Buhagiar, magħruf għal bosta xogħlijiet li jarrikkixxu l-knejjes tagħna. Buhagiar twieled il-Birgu fis-16 ta’ Diċembru 1876. Kien it-tieni wild ta’ Giuseppe u Carmela neé Zahra. Missieru kien jaħdem mastrudaxxa fit-tarzna. Meta kellu 22 sena, iżżewweġ lil Ersilia Calì, li tiġi n-neputija tal-pittur famuż Giuseppe Calì, fil-parroċċa ta’ Ħal Tarxien. Manwel flimkien ma’ martu kellhom 13-il wild li minnhom 6 biss għexu. Il-familja Buhagiar bidlet ir-residenza tagħha diversi drabi, iżda fl-aħħar marru joqogħdu Raħal Ġdid, b’hekk kien qrib il-bottega tiegħu li kellu f’remissa kbira F’Ħal Tarxien. Manwel Buhagiar miet fis-27 ta’ Frar 1962 fl-età ta’ 85 sena u ndifen fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.

Ftit nafu dwar il-bidu tal-karriera artistika tiegħu. L-informazzjoni li għandna dwar dan il-perijodu waslitilna mill-awtobijografija ta’ Buhagiar stess, kif ukoll mill-bijografija miktuba mit-tifel tiegħu stess. Buhagiar irċieva l-edukazzjoni artistika tiegħu kważi kollha f’Malta; sa issa ma sibna l-ebda referenza li mar jistudja t-teknika tiegħu barra minn Malta. Hu ħa l-formazzjoni tiegħu fl-iskola tal-arti – *Cottonera scuola del disegno* taħt Lazzaro Pisani.



Matul il-formazzjoni tal-istudji tiegħu ltaqa' ma' diversi artisti li influwenzawh fl-stil u t-teknika tiegħu, fosthom Vincenzo Cardona (skultur u dekoratur), Aristide Bonniċi (skultur), Giuseppe Bonniċi (pittur), Arturo Galdes, Salvatore Galdes (artist u *craftsman*), u Emanuele Decelis. Ħafna mix-xogħlijiet tiegħu huma influwenzati mill-Barokk Malti li kien għadu dominanti fis-seklu dsatax u għoxrin, kif ukoll mill-istil li kien juża Abraham Gatt u mill-kotba tad-disinji.

Meta kellu inqas minn 20 sena kien diġà ġie ikkummissjonat biex jagħmel l-ewwel opri fil-knejjes Maltin. Fil-knisja ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop insibu l-ewwel biċċa xogħol tiegħu fi knisja. Dan kien il-ventartal tal-Madonna tar-Rużarju li sfortunatament qiegħed fi stat ħażin ta' preservazzjoni.



Fil-knisja ta' Ħal Safi nsibu għadd ta' xogħlijiet attribwiti lil Manwel Buhagiar. L-ewwel xogħol ikkummissjonat lil Buhagiar għall-parroċċa tagħna kienet il-bradella u l-bankun ta' San Pawl. Fis-sagristija nsibu kopja tad-disinn tal-bradella u l-bankun għall-istatwa ta' San Pawl li jġib il-firma u d-data tat-8 ta' Ġunju 1934. Ir-rikors kien ġie ppreżentat lill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta fit-22 ta' April 1936 mill-kappillan Dun Franġisk Xuereb u ġie aċċettat fis-17 ta' Lulju tal-istess sena. Il-bradella żżanżnet fil-25 ta' Jannar tal-1937 u ġiet tiswa' £125 lira. Fi studju li sar minn Mark Sagona, li ġabar ix-xogħlijiet ta' Buhagiar fil-knejjes ta' Malta u Għawdex, ippubblika żewġ disinji tal-artist imsemmi. L-ewwel disinn huwa dak li jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali filwaqt li l-ieħor jinsab f'kollezzjoni privata u juri tnejn mill-erba' puttini jżommu simboli marbutin ma' San Pawl. Dawn il-puttini ma ġewx iddisinjati minn Manwel Buhagiar, imma minn ibnu Antonio bil-lapes.[1]



Biċċa xogħol oħra li saret fi żmien il-kappillan Xuereb kien il-pedestall ta' San Pawl. Mark Sagona fl-istudju tiegħu jindika li jeżistu tliet disinji tal-pedestall. Tnejn minnhom jinsabu f'kollezzjoni privata li sfortunatament huma bla data, filwaqt li l-ieħor jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali,

datat is-7 ta' Settembru 1939. Wieħed minn dawn id-disinji li jinsab f' kollezzjoni privata għandu iktar xebh għall-pedestall tal-istatwa mit-tnejn l-oħra.[2] Skont ir-rikors ippreżentat fil-Kurja Arċiveskovili nsibu li kienu ġew ippreżentati żewġ disinji. L-ewwel wieħed kien tressaq fl-20 ta' Ġunju 1939, imma ma kienx aċċettat, b'hekk kien ippreżentat ieħor fl-14 ta' Mejju 1940 u ġie approvat fit-3 ta' Ġunju tal-istess sena. Dan il-proġett ġie jiswa £60 lira.[3]

Fi żmien il-parrokat ta' Dun Pawl Said saru s-salib u tlettax-il gandlier tal-fidda li jinsabu fuq l-artal maġġur iddisinjati minn Manwel Buhagiar. Dawn saru mid-ditta Riccardo Politi ta' Milan skont supplika li kienet ippreżentata fid-19 ta' Jannar 1949.[4] Hu żgur li dawn kienu diġà lesti sal-1952. F'kollezzjoni privata hemm disinn li jista' jkun li kien l-ewwel verżjoni maħsub għall-knisja ta' Ħal Safi minħabba li fih is-salib ta' tmien ponot li fl-arti ekklesjastika huwa marbut ma' San Pawl.



Manwel Buhagiar iddisinja tliet kanipewijiet: ta' Marsaxlokk, Ħal Kirkop u Ħal Safi. Id-disinn ta' dan il-proġett jinsab fis-sagristija tal-parroċċa stess. Dan kien sar mid-ditta Riccardo Politi ta' Milan kif imsemmi fl-istess supplika tal-1949 li kienet tinkludi wkoll it-tlettax -il gandlier tax-xemgħa.[5] Il-ħjata kienet saret fl-Istituto Figlie di San Giuseppe f'Milan stess.

Fi żmien il-parrokkat ta' Dun Bert Bezzina fl-1958 saru erba' važuni tal-fidda għal fuq l-artal maġġur. Dawn saru mid-Ditta F. Cassar & Sons ta' Bormla u swew £240 lira.[6] Fis-sagristija nsibu disinn datat is-6 ta' April 1954.

Matul il-ħamsinijiet saru relikwarju u l-pedestall tiegħu tal-fidda skont id-disinn ta' Manwel Buhagiar. Id-disinn originali tiegħu jinsab fis-sagristija u huwa iffirmat u datat 1954.

Fis-sagristija tal-knisja hemm id-disinn bil-kulur tal-paviment tal-knisja magħmul minn Buhagiar, iffirmat mill-artist innifsu u magħmul fit-28 ta' Awwissu 1954. Ix-xogħol kien fdat f'idejn id-ditta Sarè Brothers ta' Raħal Ġdid. Dan kien inbeda fl-1960 u spiċċa fl-1962. Inksew madwar 1702 pied kwadru ta' rħam, kull metru kwadru sewa 16-il xelin.[7]

L-aħħar xogħol magħmul minn Buhagiar kien ventaltar tal-fidda. Sfortunatament



ma laħaqx rah lest għax tlesta sena wara l-mewt tiegħu. Il-ventaltar tal-fidda kien wasal Malta fl-1963 fuq il-vapur Irozzi mid-ditta Lodola e Mantegazza minn Milan li ġie jiswa aktar minn elfejn lira. Dan ix-xogħol hu kkaratterizzat mix-xena prinċipali tal-konverżjoni ta' San Pawl flimkien ma' żewġ statwi, wieħed fuq kull naħa. Fuq ix-xellug hemm San Luqa filwaqt li fuq il-lemin hemm San Stiefnu.[8]

Jeżisti disinn tas-sopraporta, indurata bid-deheb, iżda għalkemm hemm disinn f'kollezzjoni privata, sfortunatament ma hemm l-ebda referenza ta' firma jew data. Fiċ-ċentru tas-sopraporta nsibu lifgħa u ħuġġiega peress li huma simboli Pawlini.



Għalkemm ma tantx għandna informazzjoni fuqha, Buhagiar kien iddisinja t-terħa tal-artal maġġur li s-soltu tkun armata għall-festa ta' San Pawl. Din kienet iżżanżnet fl-istess żmien tal-gandlieri u l-kanipew.

Matul il-parrokkat ta' Dun Franġisk Xuereb kienu saru wkoll erba' gastri tal-fidda għall-vara ta' San Pawl. Dawn ġew iddisinjati minn Buhagiar ukoll.

Fil-parroċċa jeżistu żewġ disinji oħra ta' Buhagiar li baqgħu ma sarux realtà. Fis-sagristija tal-knisja nsibu disinn tal-gallerija tal-orgni, iffirmat u datat il-15 ta' Ottubru 1936. Dan id-disinn kien l-ewwel biċċa xogħol ta' gallerija tal-orgni li Buhagiar għamel fuq dan il-qasam.

Proġett ieħor li baqa' ma sarx huwa disinn ta' tużell li d-disinn tiegħu jinsab fis-sagristija tal-knisja. Dan id-disinn sar fl-1936.

Meta wieħed iħares lejn ix-xogħlijiet artistiċi li ħallielna Manwel Buhagiar fil-knejjes tagħna jagħraf il-kapaċità tal-ħidma tiegħu. Min-naħa l-oħra ta libsa ġdida lill-knejjes tagħna fid-dekorazzjonijiet tiegħu fil-bidu tas-seklu għoxrin.

Referenzi

1 M. Sagona, Emanuele Buhagiar (1876-1962: his contribution to the ecclesiastical decorative arts of the Maltese Islands (2003), pp. 105-107.

2 Ibid., pp. 171-173.

3 AAM, Suppliche 40 (1939), f. 217

4 AAM, Suppliche Arte e Arte Sacra, Vol. II no. 318.

5 Ibid.

6 Paul Callus Ħal Safi, Malta p.95.

7 Ibid., p. 96.

8 Ibid.

Little Profit Bazaar

Safi

Underwear, Women's and men's wear, Children's wear

Shoes and toys, Stationery and photocopies, Household products

Mob: 9940 7318 - 9925 5387

Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha

# GĦAŻIŻ FR. DAVID

Tmien snin ilu lqajnik fostna
Kemmxejn mistħi, għadek ġej
U maż-żmien sirt parti minna
Għax hawn bagħtek il-Mulej!

Bdejt bil-mod, ġbart nies madwarek
U għajnuna sibt bla qies
Fejn ħabbatt dejjem fetħulek
Sapport dejjem tawk in-nies!

Għext mal-poplu, u mxejt miegħu
Kulħadd fik sab ħajt ta' kenn
Mal-batut u mal-imsejken
Urejt qalb illi taf tħenn!

Ċentru ftaħt għan-nies anzjani
Semmejtu għal Dun Karm Lia
Ftaħt idejk għal dawk batuti
Waqqaft grupp tad-djakonija!

Fil-parroċċa f'jiem ta' festi
Bdejt int ħafn' attivitajiet
Ħadd il-Palm u l-Via Sagra,
Presepju ħaj fil-Milied!

U x'ingħidu għall-proġetti
Kemm restawr għamilt qatigħ
Kull teżor ta' ġewwa l-knisja
Reġgħa ġie ġdid u sabiħ!

Il-lanterna fuq il-koppla
Kif ukoll Santa Marija
Żewġ proġetti fost il-bosta
Li wettaqt b'ħafna enerġija!

Xogħol għamilt fiċ-ċimiterju
U fiċ-ċentru parrokkjali
Restawr sar fuq il-ġilandra,
Fuq gandlieri u ventartali!

Irranġajt is-sound fil-knisja
U is-sistema tad-dawl
Restawr kbir sar fuq in-niċċa
U l-istatwa ta' San Pawl!

Naħseb imma l-isbaħ ħaġa
Li ħallejt bħala rigal
Hi l-quddiesa l-Ħadd tad-disgħa
Illi tant iħobbu t-tfal!

Tkun quddiesa ferm sabiħa
It-tfal jipparteċipaw
Talb u qari jkun f'idejhom
Kemm iċapċpu u jkantaw!

U int fosthom tkun għal qalbek
Taqbad magħhom u tinkiehom
Imma mbagħad xi kelma tajba
Biex dejjem tinkoraġġiehom.

Waqt xi hike mal-abbatini
Zgur tarak tiela' ma' blata
U meta l-baħar teħodhom
Ċert li ttiehom xi majnata!

Qatt ma tgħid li inti mgħaġġel
Nervi miegħek qas joqogħdu
Wiċċek dejjem bit-tbissima
Anke jekk kmieni filgħodu!

Trid kollox bil-perfezzjoni
Kollox trid preċiż, eżatt
Anke siġġu fir-ringiela
Jew ktieb wieqaf u mhux ċatt!

Kollox trid li jimxi tajjeb
U jsir b'ħafna eċċellenza
B'hekk irbaħt b'umilta' kbira
L-Premju tal-Onorifiċenza!

Kollox tkun trid tipprepara
Taħseb kmieni int tkun trid
Imbagħad aħna fjakki naslu
X'ħin tkun qed trodd is-salib!

Spiss int tikteb xi żewġ versi
Tħobbha ħafna l-poeżija
Taddatta l-kliem mal-mużika
Biex jitkanta bl-armonija!

Kemm tħobb tkanta, Fr David
B'dik il-ħeġġa tas-smewwiet!
Tmexxi l-kant b'dak leħnek sbejjaħ!
U addio l-korijiet!

Il-quddiesa importanti
Kemm tal-Ħadd, kemm ta' kuljum!
Imma ħej kif taqbeż siegħa
Hemm min jgħidlek 'Kemm se ddum!'

Għal kull festa għandna statwa
Kollha sbieħ u restawrati
Għalhekk nagħmlu l-lotteriji!
Biex flus niġbru, ħadd ma jbati!

San Ġorġ tiela', San Ġorġ nieżel
Kanonku f'żewġ postijiet
U għax issa mort Ħad Dingli
Għamluk anke arċipriet!

Ħaġa stramba imma għalija
Din li lilna l-Ħalsafin
L-Isqof jibagħtilna dejjem
Kappillan l'hu Juventin!

Imma nsomma Fr David
Ngħidlek din u nieqaf haw
Ħidma kbira u fejjieda
Aħna lilek nawguraw!

Nisperaw li nibqgħu f'qalbek
Anke meta jgħaddu s-snin
U tibqa' tiftakar fina
Il-merħla tal-Ħalsafin

Marisa


DB
Photography


Il-Warda
flower shop
Floral Arrangements for
• Weddings & Special Occasions
• Fresh Flowers Daily & Delivered
• Gift Ware
• Pottery
• Dried Flowers
• Souvenirs & Much More
94, Triq ix-Xitwa QORMI • Tel: 2149 2626



# For Domestic & Industrial Projects

All Types of Aluminium & Double Glazing
• Available in Different Colours • Automated Doors
• Insect Screens • Louvres • Skylights
• Arched Windows & Doors Blinds
*Free Advice & Quotations*

EXPRESS ALUMINIUM LIMITED

**Express Bldg, Triq l-Imdina, Żebbuġ ŻBĠ 9018**
**Tel: 21 461 078, 21 465 110 Mob: 99 595 318**
**Fax: 21 465 798 Web: www.expressaluminium.com**

# INNU LIL FR DAVID

Inġbarna hawn dalgħodu
Sabiex nirringrazzjawk
U anke biex ngħidulek
Li lkoll ħa nimmisjawk!

Tax-xogħol li għamilt fostna
Tal-ġid illi wettaqt
Il-ferħ illi qsamt magħna
U magħna bkejt u tlabt!

Għat-tfal li int tgħożż ħafna
Ma' qalbek int irbatt
Quddiesa torganiżża
Bħal festa nhar ta' Ħadd!

Familji w abbatini
Żgħażagħ, nies mhux Maltin
Il-morda u l-anzjani
Ħadt ħsiebhom tul das-snin!

Ta' dan grazzi ngħidulek
Għax inti ragħaj ħanin
Il-merħla sew mexxejtha
Kif xtaqek il-Bambin!

Nixtiequ nawgurawlek
Kull ġid għaż-żmien li ġej
U ħidma ferm fejjieda
Fil-għalqa tal-Mulej!

Is-sliema, Fr David!
Nitolbu għal xulxin!
U ibqa' ftakar fina!
Ħbieb tiegħek Ħalsafin!


JOSEPH GATT
GOLD - SILVER
GILDER (INDURATUR)
Block 2, No.9
Old Governor Palace Street,
Vittoriosa
Tel: 2166 4242
Mob: 9986 0648
GHAL
KULL TIP
TA'
NDURATURA
FI DJAR
U
KNEJJES


George Zammit & Sons
RELIGIOUS ARTICLES SUPPLIER EST 1954
• Pjaneti
• Rigali
• Kalċijiet
• Sferi
• Ikoni
• Xemgħa Likwida
• Damaski
146, Old Bakery Street
Valletta VLT09 - Malta
Shop: 2123 2933
Mob: 9985 6842
Find us on Facebook
OPENING HOURS
Monday to Saturday 09.15 - 13.00
gzamson@onvol.net - www.religiousshopmalta.com

# Mir-Reġistri tal-Parroċċa
(Mill-Festa l-oħra 'l hawn)

**Bdew il-Ħajja Nisranija:**
Sawl Micallef Grimaud, Nate Mifsud Galea, Joseph Abdilla, Charlotte Camilleri, Kai Farrugia, Damiana Salerno, Cara Degiorgio, Ellie Pace, Noah Micallef, Noah Fenech, Theo Vella, Penelope Agius, Andrei Cachia Abdilla, Kate Marie Grech, Francesco Farrugia, Madeleine Paula-Jeanne Farrugia.
**NIFIRĦULHOM!**



**Għamlu l-Ewwel Tqarbina – 12 ta' Ġunju 2022:**



Azzopardi Adam, Bondin Adam, Borda Diaz, Busuttil Luca, Camilleri Lucas, Ellul Edin, Grixti Tyler, Fenech Samwel, Sant Thomas, Schembri Tristan, Tonna Jake. Abdilla York Ria, Agius Zammit Audrey Ann, Galea Milagros Barbara, Camilleri Amy Maia, Chetcuti Nicole, Decelis Nora, Falzon Alishia, Farrugia Anastasia, Fenech Elena Krista, Gatt Emily, Grixti Aimee, Grixti Dimeyah, Mizzi Giulia, Pace Shazaya, Pace Zalaya, Psaila Maria Joy, Spiteri Caruana Dazlianne, Zammit Lucas Nicole.
**NAWGURAWLHOM!**

**Irċevew il-Griżma tal-Isqof – 24 ta' Ottubru 2021:**
Isaac Bartolo, Liam Borg, Aleandro Camilleri, Kian Ellul, Julian Meli, Kyle Micallef, Nico Montebello, Mariah Busuttil, Kendra Caruana, Nicole Therese Cutajar, Gloria Di Grigoli, Cora Marie Falzon, Sienna Marie Mifsud, Amira Montebello, Katia Marie Vella, Krista Vella, Meredith Clare Zahra.
**L-ISPIRTU TA' ALLA JKABBARHOM FIH!**



**Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:**
Ryan Dimech ma' Angie Debono
Steve Delezio ma' Kristina Scicluna
Herbert Attard ma' Daniela Cassar Mallia
Paul Bezzina ma' Rachel Camilleri
Andy Aloisio ma' Beverly Fenech
Chris Pisani ma' Crystal Cini
Carmel (Lino) Busuttil ma' Kimberley Manicaro
Tyler Galea ma' Amanda Cutajar
Christopher Coleiro ma' Denise Baldacchino
Anthony Camilleri ma' Daria Falzon
**NAWGURAWLHOM!**



**Daħlu Jistrieħu fil-Ħajja ta' Dejjem:**
Romina Azzopardi, Mary Anne Zahra, Tony Sultana, Pawlu Busuttil, Anthony Agius, Pawlu Mifsud, Francis Zammit, Nicholas Cutajar, Karmena Callus, Dun Karm Zammit, Catherine (k/a Katie) Cutajar, Joseph Magri, Salvu Zammit, Joseph Cassar, Nardu Debono, Miriam Chetcuti, Victor Chetcuti.
**NITOLBU GĦALIHOM!**





# AVVIŻ - BUKKETT LI MA JINXIFX

Napprezzaw li matul il-jiem tal-festa,
apparti li jingħataw bukketti ta' fjuri friski,
nagħmlu wkoll il-**bukkett li ma jinxifx**,
jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta
li mhux biss issebbaħ, imma li tibqa' titgawda wkoll.

Din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx se jmur b'riżq l-ispejjeż tal-abbozz, restawr tal-pulptu u restawr ta' lat estern tal-Knisja.

Grazzi tal-ġenerożità tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom.

# ARBURAL

## GĦALL-FESTA NISRANIJA

## Ix-xahar l-ieħor irċevejtu l-envelop tal-ARBURAL.

**Is-sehem tiegħek hu IMPORTANTI u TA' ĦTIEĠA KBIRA.**

**Tgħidx: "Kemm kellna festa sabiħa!" u ma tkunx tajt is-sehem tiegħek.**

**Ibgħat l-envelop lill-Kappillan fl-Uffiċċju Parrokkjali.**

## GRAZZI! GRAZZI! GRAZZI!

**QUDDIESA KULJUM TAGĦMEL IL-ĠURNATA ISBAĦ.**
**ĠESÙ L-ĦIN KOLLU JISTENNIENA.**

**Ħinijiet tal-Quddies**
**PARROĊĊA SAN PAWL – SAFI**

**Matul il-ġimgħa – 7:30 am u 6:30 pm;**
**Ħdud u Festi Kmandati – 6:45 am, 9:00 am;**
**Filgħaxija – 5:30 pm (fix-xitwa), 6:00 pm (fis-sajf).**



*L-Abbozz ta' San Pawl magħmul mill-iskultur Xandru Farrugia.*

